**Is-Sistema ta’ Numerazzjoni Internazzjonali Standard tal-Kotba**

# Manwal għall-Utenti tal-ISBN

**Edizzjoni Internazzjonali**

Is-Seba’ Edizzjoni

Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN
Londra 2017

L-iżjed verżjoni aġġornata tal-*Manwal għall-Utenti tal-ISBN* tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN:
http://www.isbn-international.org

ISBN 978-99957-916-8-1

©2017 tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN, Londra, UK

Is-Seba' Edizzjoni

©2018 it-traduzzjoni Maltija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Il-permess għall-istampar mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal f'dan il-manwal jingħata biss bil-kundizzjoni li ssir bil-miktub dikjarazzjoni tas-sors u li tintbagħat kopja, preferibbilment elettronika, lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

# Werrej


**1. SFOND ..... 5**

**2. IL-BENEFIĊĊJI TAL-ISBN ..... 5**

**3. TERMINI U DEFINIZZJONIJIET ..... 6**

3.1 Ċifra ta' kontroll ..... 6
3.2 Riżors kontinwu ..... 6
3.3 Identifikatur tal-Oġġetti Diġitali (DOI®) ..... 6
3.4 Ġestjoni tad-Drittijiet Diġitali (DRM) ..... 6
3.5 Edizzjoni ..... 7
3.6 Prefiss GS1 ..... 7
3.7 Impressjoni ..... 7
3.8 Marka kummerċjali ..... 7
3.9 ISBN ..... 7
3.10 ISBN-A ..... 7
3.11 Pubblikazzjoni monografika ..... 7
3.12 Pubblikazzjoni ta' stampar skont it-talba ..... 7
3.13 Forma tal-prodott ..... 7
3.14 Dettall tal-forma tal-prodott ..... 8
3.15 Karatteristika tal-forma tal-prodott ..... 8
3.16 Pubblikatur ..... 8
3.17 Reġistrant ..... 8
3.18 Il-grupp ta' reġistrazzjoni ..... 8
3.19 Stampar mill-ġdid ..... 8
3.20 Restrizzjoni ta' użu ..... 8

**4. IL-FUNZJONI U L-AMBITU TAL-ISBN ..... 9**

5. L-Istruttura tal-ISBN ..... 11
5.1 Element GS1 ..... 11
5.2 In-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp ..... 11
5.3 In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur ..... 12
5.4 L-element tal-pubblikazzjoni ..... 12
5.5 Iċ-ċifra ta' kontroll ..... 12

**6. L-APPLIKAZZJONI TAL-ISBN ..... 12**

6.1 Ġenerali ..... 12
6.2 Bidliet fil-pubblikazzjonijiet ..... 13
6.3 Stampar mill-ġdid ta' riproduzzjonijiet faksimile ..... 13
6.4 Pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi u l-ekwivalenti diġitali ..... 13
6.5 Pubblikazzjonijiet f'diversi volumi ..... 14
6.6 Pakketti b'diversi oġġetti ..... 14

**7. KWISTJONIJIET TA' ĦRUĠ TA' ISBN ..... 14**

7.1 Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti ..... 14
7.2 Pubblikazzjonijiet kollaborattivi ..... 15
7.3 Pubblikazzjonijiet mibjugħa jew imqassma mill-aġenti ..... 15
7.4 Akkwiżizzjoni ta' dar ta' pubblikazzjoni minn oħra ..... 15
7.5 Akkwist tal-istokk kollu u tad-drittijiet tal-pubblikazzjoni ..... 15
7.6 Pubblikaturi b'diversi postijiet ta' pubblikazzjoni ..... 15
7.7 L-ISBNs ma jistgħux jinħarġu mill-ġdid ..... 15
7.8 L-ISBNs qatt ma jistgħu jerġgħu jintużaw ..... 16

**8. IR-REĠISTRU TAL-ISBNS U L-METADATA KORRISPONDENTI ..... 16**

**9. L-ALLOKAZZJONI TAL-ISBN GĦAL PUBBLIKAZZJONIJIET DIĠITALI U GĦAL SOFTWER EDUKATTIV/STRUZZJONALI ..... 17**

9.1 L-ISBN għal pubblikazzjonijiet diġitali eliġibbli ..... 17
9.2 L-ISBNs għal prodotti ta' software eliġibbli ..... 18
9.3 Il-prinċipji tal-allokazzjoni tal-ISBN għal pubblikazzjonijiet diġitali ..... 18

**10. L-ISBN GĦAL PUBBLIKAZZJONIJIET STAMPATI SKONT IT-TALBA ....................20**

**11. PAKKETTI TAL-KORS ..........................................................................................20**

**12. PUBBLIKATURI ŻGĦAR U AWTOPUBBLIKATURI ..................................................21**

**13. FEJN JIĠI STAMPAT U FEJN GĦANDU JIDHER L-ISBN ........................................21**

13.1 Ġenerali ..........................................................................................................21
13.2 L-ISBN miktub f'kodiċi bl-iżbarri .....................................................................22
13.3 Il-kodiċi supplimentari b'ħames ċifri ...............................................................23

**14. L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SISTEMA TAL-ISBN ..................................................23**

14.1 Ġenerali ..........................................................................................................23
14.2 L-amministrazzjoni internazzjonali .................................................................23
14.3 L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN .............................................................24
14.4 L-amministrazzjoni tar-reġistrant/pubblikatur ..............................................25

**15. L-ISBN U L-GS1 ...................................................................................................26**

**16. L-ISBN U IDENTIFIKATURI OĦRAJN .....................................................................26**

16.1 DOI .................................................................................................................26
16.2 GTIN ...............................................................................................................26
16.3 ISAN ...............................................................................................................27
16.4 ISBN-A ............................................................................................................27
16.5 ISLI .................................................................................................................27
16.6 ISMN ..............................................................................................................28
16.7 ISNI ................................................................................................................28
16.8 ISRC ...............................................................................................................28
16.9 ISSN ...............................................................................................................29
16.10 ISTC .............................................................................................................29
16.11 ISWC ............................................................................................................30
16.12 SGTIN ..........................................................................................................30
16.13 URN .............................................................................................................30

**17. ONIX GĦALL-KOTBA ............................................................................................31**

**18. SIT ELETTRONIKU TAL-AĠENZIJA INTERNAZZJONALI TAL-ISBN .....................32**

**19. REĠISTRU GLOBALI TAL-PUBBLIKATURI ...........................................................32**

**ANNESS 1: IL-KALKOLU TAĊ-ĊIFRA TAL-KONTROLL ..............................................33**

A1.1 Il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll ........................................................................33

# 1. Sfond

Il-kwistjoni tal-ħtieġa u tal-fattibbiltà ta' sistema ta' numerazzjoni internazzjonali tal-kotba bdiet tiġi diskussa waqt it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar ir-Riċerka u r-Razzjonalizzazzjoni tas-Suq u l-Kummerċ tal-Ktieb li saret f'Novembru 1966 f'Berlin.

Dak iż-żmien għadd ta' pubblikaturi Ewropej kienu qed jikkunsidraw l-użu tal-kompjuters sabiex jipproċessaw l-ordnijiet u jikkontrollaw l-inventarji, u kien diġà deher ċar li d-dħul fis-seħħ ta' sistema awtomatizzata effikaċi qabelxejn teħtieġ li kull pubblikazzjoni mitbugħa jingħatalha numru ta' identifikazzjoni uniku u sempliċi.

Is-sistema li ssodisfat din il-ħtieġa u li saret magħrufa bħala s-sistema Internazzjonali tan-Numerazzjoni Standard tal-Kotba (ISBN) tfasslet abbażi tas-sistema tan-numerazzjoni tal-kotba li kienet iddaħħlet fis-seħħ fir-Renju Unit fl-1967 minn J. Whitaker & Sons Ltd u fl-Istati Uniti fl-1968 minn R. R. Bowker.

Fl-istess żmien il-Kumitat Tekniku 46 dwar l-Informazzjoni u d-Dokumentazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) waqqaf grupp ta' ħidma biex jistħarreġ jekk is-sistema Brittanika setgħetx tiġi addattata għall-użu internazzjonali. Matul l-1968 u l-1969 saru diversi laqgħat bejn rappreżentanti ta' diversi pajjiżi tal-Ewropa u tal-Istati Uniti u mbagħad tqassam rapport lill-pajjiżi membri tal-ISO kollha.

Wara dawn il-laqgħat in-Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb (ISBN) ġie approvat fl-1970 bħala standard ISO 2108[1].

Dan l-istandard internazzjonali għandu l-għan ewlieni li jikkordina u jistandardizza l-użu internazzjonali tal-ISBN ħalli jidentifika b'mod uniku kwalunkwe pubblikazzjoni jew edizzjoni ta' pubblikazzjoni maħruġa minn pubblikatur speċifiku f'format jew ieħor. L-istandard oriġinali ġie rivedut fl-1978, fl-1992 u fl-2005 malli kotba u materjal stampat simili bdew jidhru fis-suq f'għamliet ta' midja ġodda, is-sistema ġiet estiża sabiex tkopri aktar minn 160 pajjiż u l-ISBN oriġinali ta' 10 ċifri ġie estiż għal 13-il ċifra. Barra minn hekk, skont identifikaturi tal-ISO oħrajn, edizzjonijiet riċenti tal-istandard speċifikaw ukoll il-metadata li għandha tingħata waqt l-allokazzjoni tal-ISBN.

Il-ħames edizzjoni l-ġdida tal-ISO 2018 tipprovdi eżempji aġġornati, kjarifikazzjonijiet ġenerali u gwidi estiżi dwar l-applikazzjoni tal-ISBN fil-pubblikazzjonijiet diġitali.

Dan il-manwal jispjega kif taħdem din is-sistema u l-passi meħtieġa li għandhom jittieħdu biex tkun żgurata l-allokazzjoni korretta tal-ISBNs, u jipprovdi gwida partikolari fuq l-allokar tal-ISBNs lil pubblikazzjonijiet diġitali.

# 2. Il-Benefiċċji tal-ISBN

- L-ISBN huwa numru internazzjonali li jidentifika l-pubblikazzjonijiet monografiċi, l-allokazzjoni ta' numru li tieħu post il-ġestjoni ta' reġistri bibljografiċi b'deskrizzjonijiet twal ħafna, u b'hekk il-pubblikaturi jiffrankaw il-ħin u l-ispejjeż tal-persunal u jitnaqqsu l-iżbalji tal-ikkuppjar.
- L-użu korrett tal-ISBN jippermetti li ssir distinzjoni ċara bejn l-għamliet u l-edizzjonijiet differenti ta' ktieb, kemm jekk stampati u kemm jekk diġitali, sabiex ikun żgurat li l-klijenti jirċievu l-verżjoni li jkunu ordnaw.

---

[1]Miksub minn organizzazzjonijiet nazzjonali tal-istandards.

- L-ISBN iħaffef il-kumpilazzjoni u l-aġġornar tad-direttorji tas-swieq tal-kotba u tal-bażijiet tad-data bibljografiċi bħall-katalgi ta' kotba disponibbli fis-suq. Għaldaqstant ikun iżjed faċli jinstab tagħrif dwar il-kotba li jkunu għadhom jistgħu jinxtraw.
- It-tqegħid tal-ordni u d-distribuzzjoni tal-kotba jsiru prinċipalment permezz tal-ISBN; dan huwa metodu rapidu u effiċjenti.
- L-ISBN jinqara mill-magni fil-format ta' kodiċi bl-iżbarri EAN bi 13-il ċifra. Dan il-proċess isir malajr u jevita l-iżbalji.
- L-ISBN huwa meħtieġ għas-sistemi elettroniċi tal-punt tal-bejgħ tal-kotba fil-ħwienet.
- Bosta sistemi fil-katina tal-pubblikazzjoni u tad-distribuzzjoni huma bbażati fuq l-ISBN.
- L-akkumulazzjoni tad-data dwar il-bejgħ issir bl-ISBN ukoll. Dan jippermetti li jsir monitoraġġ fuq is-suċċessi varji ta' għamliet u edizzjonijiet differenti ta' prodott partikulari. Jagħmel possibbli wkoll il-paraguni bejn oqsma ta' suġġetti differenti u saħansitra bejn djar tal-pubblikazzjoni differenti.
- F'xi pajjiżi d-dritt nazzjonali tas-self tal-kotba huwa bbażat fuq l-ISBN. Skemi bħal dawn jippermettu lill-awturi u lill-illustraturi jirċievu pagamenti b'mod proporzjonat mal-għadd tad-drabi li xogħolhom jiġi misluf mil-libreriji pubbliċi.

# 3. Termini u definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Manwal, japplikaw it-termini u d-definizzjonijiet li ġejjin:

NOTA Id-definizzjoni ta' "Ktieb" mhijiex inkluża minħabba li l-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali kontinwi jirrendu kwalunkwe definizzjoni obsolita wara ftit taż-żmien.

## 3.1 Ċifra ta' kontroll

L-aħħar ċifra fis-sekwenza tal-ISBN li hija relatata maċ-ċifri kollha preċedenti fis-sekwenza permezz ta' algoritmu matematiku speċifiku, u li tista' tintuża sabiex tivverifika l-preċiżjoni tas-sekwenza tal-ISBN.

## 3.2 Riżors kontinwu

Pubblikazzjoni li tinħareġ fuq medda ta' żmien mingħajr konklużjoni predeterminata u li tkun disponibbli għall-pubbliku fi kwalunkwe forma tal-prodott, ġeneralment f'ħarġiet suċċessivi jew li jintegraw li ġeneralment għandhom deżinjazzjonijiet numeriċi u/jew kronoloġiċi.

NOTA Riżorsi kontinwi jinkludu gazzetti, perjodiċi, rivisti, blogs eċċ. kif ukoll riżorsi kumplimentari kontinwi bħal pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi li jibqgħu jiġu aġġornati u siti elettroniċi li jibqgħu jiġu aġġornati. Ir-riżorsi kontinwi ma jikkwalifikawx għall-assenjar tal-ISBN.

## 3.3 Identifikatur tal-Oġġetti Diġitali (DOI®)

Isem DOI, parti mis-sistema tad-DOI li huwa speċifikat fl-ISO 26324, huwa identifikatur persistenti u azzjonabbli ta' entità - fiżika, diġitali jew astratta - fuq netwerks diġitali. Meta jkun konformi mas-sintassi tad-DOI, isem tad-DOI huwa sekwenza li tispeċifika oġġett uniku fi ħdan is-sistemta tad-DOI.

## 3.4 Ġestjoni tad-Drittijiet Diġitali (DRM)

Teknoloġija bbażata fuq softwer ta' kriptaġġ, użata sabiex tikkontrolla l-aċċess għall-kontenut u li hija distinta mill-*forma tal-prodott* (3.13) ta' pubblikazzjoni diġitali speċifika.

NOTA 1 Jistgħu jiġu applikati konfigurazzjonijiet differenti fi ħdan is-softwer tad-DRM sabiex jiġu infurzati restrizzjonijiet tal-użu jew sabiex jippermettu karatteristiċi partikolari addizzjonali.

NOTA 2 Edizzjoni waħda ta' pubblikazzjoni tista' tkun disponibbli permezz ta' diversi bejjiegħa fejn kull wieħed u waħda minnhom jużaw softwer tad-DRM differenti u/jew restrizzjonijiet tal-użu differenti

NOTA 3 Id-DRM "Soċjali" jindika tip partikolari ta' DRM fejn il-kredenzjali dwar il-konsumatur huma miżmuma fil-prodott bl-użu ta' teknoloġija tal-marka tal-ilma imma li ma jinfurzax kwalunkwe restrizzjonijiet tal-użu. Sakemm m'hemmx referenza espliċita għal DRM "soċjali", ir-referenzi għad-DRM f'dan il-Manwal jirreferu għal teknoloġija tad-DRM ibbażata fuq softwer ta' kriptaġġ.

## 3.5 Edizzjoni

Il-manifestazzjonijiet kollha ta' pubblikazzjoni li essenzjalment fiha l-istess kontenut.

NOTA 1 Edizzjoni waħda ta' pubblikazzjoni tista' tiġi ppubblikata f'għadd ta' forom tal-prodott u, jekk hija f'forma diġitali, b'aktar minn tip wieħed ta' softwer tad-DRM u b'restrizzjonijiet ta' użu differenti.

NOTA 2 Aġġornamenti sinjifikanti, reviżjonijiet jew tibdil fil-kontenut jikkostitwixxu edizzjoni ġdida u ġeneralment ikollhom in-numru tal-edizzjoni fuq il-paġna tat-titlu eż. Edizzjoni 2, Edizzjoni 3).

## 3.6 Prefiss GS1

Sekwenza unika ta' tliet ċifri maħruġa mill-Uffiċċju Globali tal-GS1 u li hija allokata b'mod esklussiv lill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN għall-Istandard tal-ISBN.

## 3.7 Impressjoni

Għadd ta' kopji stampati ta' edizzjoni partikolari ta' ktieb. Jista' jkun hemm diversi impressjonijiet/stampar mill-ġdid ta' edizzjoni waħda. (Ara "Stampar mill-Ġdid" aktar 'l isfel).

## 3.8 Marka kummerċjali

Isem kummerċjali jew ditta li jippubblikaw ix-xogħol.

NOTA 1 Kumpanija tal-pubblikazzjoni jista' jkollha għadd ta' marki kummerċjali sabiex il-kotba tagħha jkunu mmirati lejn suq speċifiku. (e.g. HarperCollinsEducational, Voyager, William Collins huma kollha marki kummerċjali ta' HarperCollins u mhumiex kumpaniji separati)

NOTA 2 F'xi każijiet, għadd ta' marki kummerċjali jistgħu jkunu r-riżultat ta' amalgamazzjonijiet jew akkwisti ta' kumpaniji differenti li jixtiequ jiddistingwu d-ditti tagħhom.

NOTA 3 Marka kummerċjali hija isem u mhux biss logo

## 3.9 ISBN

Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb huwa identifikatur għall-pubblikazzjonijiet monografiċi allokati taħt il-patroċinju tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN lil reġistrant skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Istandard Internazzjonali ISO 2108: Informazzjoni u dokumentazzjoni - Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb (ISBN).

## 3.10 ISBN-A

Servizz li jippermetti ISBN jiġi espress fis-sistema DOI billi jiġi inkluż fis-sekwenza tas-sintassi ta' DOI.

NOTA ISBN-A tippermetti li ISBN speċifiku jsir azzjonabbli jew jista' jiġi aċċessat fuq l-Internet.

## 3.11 Pubblikazzjoni monografika

Pubblikazzjoni maħluqa kollha f'parti waħda jew maħsuba biex titlesta f'għadd finit ta' partijiet mill-pubblikatur/awtur(i) tagħha u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fi kwalunkwe forma ta' prodott.

## 3.12 Pubblikazzjoni ta' stampar skont it-talba

Pubblikazzjoni stampata meta tkun ordnata mill-konsumatur minflok tkun fornuta minn stokk eżistenti li jkollu d-distributur jew il-pubblikatur.

## 3.13 Forma tal-prodott

Il-proprjetajiet fiżiċi jew diġitali bażiċi ta' pubblikazzjoni li jiddistingwuha bħala prodott.

EŻEMPJU: L-istess edizzjoni ta' pubblikazzjoni tista' tidher fil-forom tal-prodott li ġejjin: ktieb b'qoxra iebsa; ktieb b'qoxra tal-karti; CD; ktieb awdjo; Braille; ktieb elettroniku online.

## 3.14 Dettall tal-forma tal-prodott

Kjarifika jew dettall addizzjonali li jiddeskrivu aktar il-forma tal-prodott ta' pubblikazzjoni partikolari.

EŻEMPJU: Jista' jkun meħtieġ dettall addizzjonali sabiex jiddeskrivi l-forom tal-prodott tal-istess edizzjoni tal-istess pubblikazzjoni b'mod partikolari: ktieb b'qoxra iebsa u li għandu qoxra esterna; ktieb kummerċjali b'qoxra tal-karti; pdf; .EPUB.

## 3.15 Karatteristika tal-forma tal-prodott

Karatteristiċi fiżiċi jew tekniċi ta' pubblikazzjoni partikolari li tagħti aktar informazzjoni dwar l-użabilità u l-aċċessibilità partikolari tagħha.

EŻEMPJU: Jista' jkun hemm bżonn ta' aktar informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' forom ta' prodott partikolari tal-istess edizzjoni tal-istess pubblikazzjoni, sabiex jiġu deskritti b'mod adegwat: kulur tal-qoxra; tipa u daqs tat-test; reġjun tad-DVD.

## 3.16 Pubblikatur

L-individwu jew il-korporazzjoni responsabbli għall-istadji kollha fil-ħolqien, il-produzzjoni, it-tixrid u l-kummerċjalizzazzjoni ta' pubblikazzjonijiet diġitali jew stampati.

NOTA 1 Il-pubblikatur huwa normalment responsabbli għall-kontenut u għal kwalunkwe riskju finanzjarju involut fil-proċess.

NOTA 2 L-awturi jistgħu jkunu l-pubblikaturi tagħhom stess, billi jkunu responsabbli għal dawn il-funzjonijiet huma stess; dan huwa magħruf bħala awtopubblikazzjoni.

## 3.17 Reġistrant

Persuna jew organizzazzjoni li talbet u rċeviet ISBN validu u ġenwin allokat taħt il-patroċinju ta', u skont ir-regoli speċifikati minn, l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN sabiex tidentifika pubblikazzjoni monografika. Normalment ir-reġistrant ikun il-pubblikatur tal-pubblikazzjoni, iżda taħt eċċezzjoni jista' jkun intermedjarju li qiegħed jaġixxi f'isem jew minflok il-pubblikatur.

## 3.18 Il-grupp ta' reġistrazzjoni

Qasam ta' ħidma definit mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN għal ISO 2108 li jista' jkun ibbażat fuq il-pajjiż, il-lingwa jew ir-reġjun.

## 3.19 Stampar mill-ġdid

Kopji stampati mill-ġdid (impressjoni) għat-tieni darba jew drabi sussegwenti tal-istess edizzjoni ta' ktieb.

## 3.20 Restrizzjoni ta' użu

Limitu(i) ta' x'jista' jagħmel utent b'pubblikazzjoni monografika diġitali partikolari.

NOTA 1 Restrizzjonijiet ta' użu għal pubblikazzjoni diġitali ġeneralment huma stabbiliti fi ħdan is-softwer tad-DRM.

NOTA 2 Jekk l-istess kontenut ikun disponibbli separatament ma' settijiet differenti ta' restrizzjonijiet ta' użu, kull wieħed minn dawn is-settijiet jikkostitwixxi pubblikazzjoni monografika separata.

EŻEMPJU: Ir-restrizzjonijiet ta' użu li huma stabbiliti għal kontroll tal-pubblikazzjoni, jekk huwiex possibbli li jippermettu li jsir id-diskors minn test, jekk huwiex possibbli li jistampaw ċertu persentaġġ tal-paġni u/jew jekk huwiex possibbli li jsellef il-ktieb lil konsumatur ieħor.

# 4. Il-Funzjoni u l-Ambitu tal-ISBN

In-Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb, li llum huwa magħruf f'iżjed minn 160 pajjiż, huwa identifikatur qasir u ċar li jista' jinqara mill-magni. L-ISBN jidentifika pubblikazzjoni monografika partikulari b'mod uniku u għaldaqstant dan għandu jkun assoċjat magħha sa mill-ewwel stadji tal-pubblikazzjoni. Għas-settur tal-kotba dan huwa strument essenzjali fil-produzzjoni, fid-distribuzzjoni, fl-analiżi tal-bejgħ u fis-sistemi tal-ħżin tad-data bibljografika. Għandu wkoll importanza vitali fil-ġestjoni tat-tagħrif bibljografiku għal-libreriji.

Madankollu, meta prodott partikulari jkun jappartjeni lil xi sistema numerika speċifika oħra (bħal riżorsi kontinwi li jidhru b'mod suċċessiv jew b'mod kumplimentari li jikkwalifikaw għall-ISSN, u l-mużika stampata li tikkwalifika għall-ISMN), għandha tibqa' tintuża s-sistema applikabbli. Dejjem jekk ikun xieraq, identifikaturi bħal dawn għandhom jintużaw flimkien mal-ISBN. Taqsima 16 tagħti iżjed tagħrif dwar tipi ta' identifikaturi oħrajn.

L-ISBNs jiġu allokati lil pubblikazzjonijiet monografiċi u lil prodotti relatati bħal pubblikazzjonijiet disponibbli f'settijiet jew f'sensiliet kompluti disponibbli għall-pubbliku, kemm jekk dawn il-pubblikazzjonijiet jew prodotti simili jingħataw b'xejn u kemm jekk ikunu għall-bejgħ. Barra dan, taqsimiet individwali (bħal kapitli) ta' pubblikazzjonijiet monografiċi jew ħarġiet jew artikli ta' riżorsi kontinwi li jkunu disponibbli b'mod separat jistgħu jużaw ukoll l-ISBN bħala identifikatur. Sakemm il-pubblikazzjoni tikkwalifika għall-assenjazzjoni tal-ISBN, ma jkun ta' ebda importanza f'liema forma tal-prodott il-kontenut huwa dokumentat u mqassam; madankollu, kull forma tal-prodott u varjazzjoni fid-dettall tal-forma tal-prodott u/jew karatteristika tal-forma tal-prodott u/jew restrizzjoni tal-użu għandhom jiġu identifikati separatament.

Eżempji ta' tipi ta' pubblikazzjonijiet monografiċi li għandu jingħatalhom ISBN:

- Kotba stampati u fuljetti (u l-forom tal-prodotti varji tagħhom)
- Pubblikazzjonijiet bil-Braille
- Pubblikazzjonijiet li l-pubblikatur tagħhom ma jkollux ħsieb jaġġornahom b'mod regolari jew ikomplihom tul żmien indefinit
- Kotba awdjo (kotba li jitkellmu) kemm fuq mezzi fiżiċi jew aċċessibbli minn fuq l-Internet għat-tniżżil jew għall-istreaming
- Pubblikazzjonijiet diġitali (kotba elettroniċi) maħżuna fuq mezzi fiżiċi (bħal tejps li jinqraw mill-magni, disketti jew CD-ROMs) jew fuq l-Internet (għat-tniżżil jew għall-istreaming)
- Kopji diġitalizzati ta' pubblikazzjonijiet monografiċi stampati li huma disponibbli fil-katina ta' provvista
- Pubblikazzjonijiet fuq mikroforma
- Softwer edukattiv jew istruttiv, films, vidjows, DVDs, trasparenzi kemm fuq mezzi fiżiċi kif ukoll aċċessibbli minn fuq l-Internet għat-tniżżil jew għall-istreaming
- Pubblikazzjonijiet multimedjali fejn il-kontenut ewlieni tagħhom tkun il-kitba, pereżempju ktieb b'CD jew ktieb b'DVD
- Artikli individwali[2] jew kwistjonijiet ta' riżors kontinwu partikolari fejn dawn huma disponibbli separatament (iżda mhux ir-riżors kontinwu fl-intier tiegħu)
- Kotba tal-arti jew kotba illustrati b'paġna tat-titlu u/jew test jew sottotitoli deskrittivi
- l-applikazzjonijiet tal-kotba elettroniċi dment li dawn ikollhom kontenut testwali sinjifikanti u li jkunu jistgħu jitqiesu bħala pubblikazzjoni monografika u huma disponibbli għall-pubbliku. Stampi, immaġni li jiċċaqilqu u l-ħoss jistgħu jkunu inklużi
- Mapep u atlasijiet

---

[2] Meta artikli individwali huma disponibbli separatament minn pubblikatur, dawn jikkwalifikaw bħala pubblikazzjonijiet monografiċi u għandhom jiġu assenjati ISBN. Dan ma japplikax fil-każ ta' kopji tal-artiklu stampati separatament jew stampati minn qabel u li huma ordnati mill-awtur (i) għall-finijiet ta' distribuzzjoni tagħhom stess.

Xi eżempji ta' tipi ta' materjal li **MHUMIEX eliġibbli** għal ISBN huma:

- Riżorsi kontinwi[3] li fis-sħuħija tagħhom jitqiesu bħala entitajiet bibljografiċi (ħarġiet individwali jistgħu jkunu eliġibbli għall-ISBNs)
- Entitajiet astratti[4] bħal xogħlijiet testwali u kreazzjonijiet oħra astratti ta' kontenut intellettwali jew artistiku
- Materjal stampat jew diġitali li huwa maħsub għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew promozzjoni biss, bħal materjal ta' pubbliċità, widgets u affarijiet simili
- Reġistrazzjonijiet mużikali
- Stampi tal-arti u dossieri tal-arti mingħajr paġna tat-titlu u test
- Dokumenti personali (bħal CVs jew profili personali elettroniċi)
- Kartolini tal-awguri
- Reġistrazzjonijiet awdjo tal-mużika
- Softwer, films, vidjows, DVDs jew trasparenzi li huma intenzjonati għal kwalunkwe skop għajr dak edukattiv jew istruttiv
- Tabelli diġitali tal-informazzjoni
- Emails u korrispondenzi diġitali oħra
- Logħob
- Kotba adattati jew personalizzati mhux intenzjonati għad disponibbiltà pubblika
- Liċenzjar ta' vawċers ewlenin għall-aċċessar ta' pubblikazzjonijiet monografiċi diġitali fuq l-Internet

Ċerti indikaturi, bħall-ISSN u l-ISMN, għandhom regoli preċiżi rigward l-iskop tat-tipi ta' materjal li huma eliġibbli għall-għoti, filwaqt li ċerti indikaturi oħrajn, bħall-GTIN-13 għall-oġġetti kummerċjali, jistgħu jintużaw għal firxa kbira ħafna ta' prodotti.

Ġaladarba l-ISBN issa huwa kompatibbli bis-sħiħ mal-GTIN-13, il-bejjiegħa jistgħu jbigħu b'mod iżjed faċli prodotti b'interess simili li ma jkunux eliġibbli għall-ISBN, u li minflok jużaw l-GTIN-13 bla ma jkollhom jaddattaw is-sistemi tagħhom.

Il-listi u l-eżempji elenkati hawn fuq ma jippruvawx ikunu kompletament komprensivi minħabba li hemm differenzi fil-prattiki legali u kummerċjali f'pajjiżi varji. Biex tikseb iżjed tagħrif jew kjarifika dwar jekk tip ta' prodott partikulari jkunx jikkwalifika għall-ISBN ikkuntattja lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN lokali tiegħek.

Biex tikseb aktar tagħrif dwar tipi ta' identifikaturi u l-applikabbiltà tagħhom, ikkonsulta Sezzjoni 16. L-ISBN u Identifikaturi Oħrajn.

L-ISBN huwa identifikatur u ma jagħti l-ebda forma ta' protezzjoni legali jew tad-drittijiet tal-awtur.

---

[3] Pubblikazzjoni li tinħareġ maż-żmien mingħajr konklużjoni predeterminata. Pubblikazzjoni bħal din is-soltu toħroġ f'ħarġiet kumplimentari jew suċċessivi u ġeneralment f'ordni numerika u/jew kronoloġika. Eżempji tipiċi ta' dawn jinkludu gazzetti, perjodiċi, rivisti, eċċ. kif ukoll riżorsi kumplimentari bħal aġġornament ta' pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi u l-aġġornament ta' siti elettroniċi.

[4] Pereżempju, kull forma ta' prodott separata tar-rumanz *The Old Man and the Sea* hija eliġibbli għal ISBN, iżda r-rumanz innifsu, bħala xogħol testwali astratt, m'għandux jiġi assenjat ISBN.

L-assenjar ta' ISBN fuq prodott ma jfissirx li dak il-prodott huwa ktieb għal fini legali jew ta' taxxa.

## 5. L-Istruttura tal-ISBN

Mill-1 ta' Jannar 2007 l-aġenziji nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-ISBN bdew jagħtu biss ISBN bi 13-il ċifra b'dawn l-elementi:

- Element GS1
- L-element tal-identifikazzjoni tal-grupp
- L-element tar-reġistrant
- L-element tal-pubblikazzjoni
- Iċ-ċifra tal-kontroll

Meta stampat, l-ISBN dejjem ikun ippreċedut mill-ittri "ISBN".

Nota*:* F'pajjiżi fejn ma jintużax l-alfabett Latin tista' tintuża taqsira bil-karattri tal-kitba lokali **flimkien** mal-ittri Latini "ISBN".

L-ISBN jinqasam f'ħames elementi, tlieta minnhom ta' tul varju, bl-ewwel u l-aħħar elementi jkunu ta' tul fiss. Kull element għandu jkun separat b'mod ċar b'sing jew spazji meta jintwera f'format li *jinqara mill-bniedem*:

ISBN 978-92-95055-12-4
jew
ISBN 978 92 95055 12 4

Nota: Is-sing jew l-ispazji m'għandhom l-ebda tifsira lessikali u jintużaw biss biex iħaffu l-qari.

L-għadd ta' numri fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' parti tal-ISBN (in-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp, in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur, in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni) ivarja. It-tul tan-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp u tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur jiġi stabbilit skont l-għadd ta' kopji li l-pubblikatur jew il-grupp ta' pubblikaturi jkunu qegħdin ibassru li jistampaw. Meta dawn l-elementi jkunu qosra jkun ifisser li l-grupp ta' pubblikaturi jew il-pubblikatur (jew it-tnejn) ikunu qed jantiċipaw li jistampaw għadd kbir ta' kopji.

### 5.1 Element GS1

L-ewwel element tal-ISBN huwa numru bi tliet ċifri li kien sar disponibbli mill-GS1, li qabel kien magħruf bħala l-EAN International. Il-prefissi li kienu diġà saru disponibbli mill-GS1 huma 978 u 979. B'dan kollu fil-ġejjieni jistgħu jinħarġu prefissi ġodda biex tkun żgurata l-kapaċità kontinwa tas-sistema tal-ISBN.

EŻEMPJU: 978

### 5.2 In-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp

It-tieni parti tal-ISBN tidentifika l-pajjiż, ir-reġjun ġeografiku jew iż-żona lingwistika li jipparteċipaw fis-sistema tal-ISBN. Uħud mill-membri tas-sistema tal-ISBN jiffurmaw żoni lingwistiċi (eż. grupp numru 3 = grupp lingwistiku Ġermaniż fi ħdan l-element GS1 978); oħrajn jiffurmaw unitajiet reġjonali (eż. tal-grupp numru 982 = in-Nofsinhar tal-Paċifiku fi ħdan l-element GS1 978). It-tul ta' dan l-element ivarja iżda qatt ma jkun itwal minn 5 numri.

In-numri tar-reġistrazzjoni tal-grupp jingħataw mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN.

EŻEMPJU: 978-92

### 5.3 In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur

It-tielet parti tal-ISBN tidentifika pubblikatur jew indirizz bibljografiku speċifiku fi ħdan grupp partikulari. It-tul ta' dan l-element ivarja b'mod dirett skont il-produzzjoni antiċipata mill-pubblikatur u jista' jinkludi sa 7 ċifri. Il-pubblikaturi bl-akbar għadd mistenni ta' pubblikazzjonijiet jingħataw l-iqsar elementi tar-reġistrazzjoni u viċiversa.

Il-pubblikaturi potenzjali japplikaw għand l-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN responsabbli mill-ġestjoni tas-sistema tal-ISBN fil-pajjiż, fir-reġjun jew fil-grupp lingwistiku fejn ikunu bbażati sabiex jinħarġulhom elementi ta' identifikazzjoni uniċi. Meta l-allokazzjoni inizjali tal-ISBNs relatata man-numru tal-identifikazzjoni tagħhom tiġi eżawrita, dawn jistgħu jingħataw elementi ta' identifikazzjoni addizzjonali ħalli jkunu jistgħu jinħarġu aktar ISBNs. (Ara 14.4 għal aktar informazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-elementi tal-ISBNs għar-reġistranti.)

EŻEMPJU: 978-92-95055

### 5.4 L-element tal-pubblikazzjoni

Ir-raba' parti tal-ISBN tidentifika edizzjoni speċifika ta' pubblikazzjoni minn pubblikatur partikulari. L-għadd ta' ċifri ta' dan l-element ivarja b'mod dirett skont il-produzzjoni antiċipata mill-pubblikatur inkwistjoni u jista' jinkludi sa 6 ċifri. Il-pubblikaturi bl-akbar għadd mistenni ta' pubblikazzjonijiet jingħataw l-itwal elementi ta' identifikazzjoni u viċiversa. Biex it-tul korrett tal-ISBN jinżamm żgur, l-ispazji vojta jiġu rrappreżentati b'żerijiet imdaħħlin mix-xellug.

EŻEMPJU: 978-92-95055-12

### 5.5 Iċ-ċifra ta' kontroll

Il-ħames parti tal-ISBN huwa ċ-ċifra tal-kontroll. Il-kalkolu ta' din iċ-ċifra jsir bil-formula ta' Luhn (mod 10). (Ara l-Appendiċi 1 għall-metodu tal-kalkolu jew ikkuntattja lill-aġenzija tal-ISBN lokali tiegħek).

## 6. L-Applikazzjoni tal-ISBN

### 6.1 Ġenerali

Għandu jinħareġ ISBN separat għal kull pubblikazzjoni monografika separata jew edizzjoni separata jew format ta' pubblikazzjoni monografika maħruġa mill-pubblikatur.

Għandu jinħareġ ISBN separat għal kull edizzjoni ta' lingwa differenti ta' pubblikazzjoni monografika.

Meta pubblikazzjoni monografika tkun ippubblikata f'manifestazzjonijiet b'forom differenti ta' prodotti u/jew dettalji dwar il-forma ta' prodott, u/jew karatteristiċi dwar il-forma ta' prodott u/jew settijiet ta' restrizzjonijiet ta' użu li jinfluwenzaw l-aċċessibilità tal-manifestazzjoni, kull verżjoni għandha jkollha wkoll l-ISBN tagħha stess.

M'għandux jinħareġ ISBN separat għal edizzjoni mhux mibdula jew edizzjoni stampata mill-ġdid tal-istess pubblikazzjoni, maħruġa fl-istess forma ta' prodott, bl-istess dettall tal-

forma tal-prodott, bl-istess karatteristika tal-forma tal-prodott, bl-istess restrizzjonijiet tal-użu, mill-istess pubblikatur jew marka kummerċjali.

## 6.2 Bidliet fil-pubblikazzjonijiet

Għandu jinħareġ ISBN separat jekk ikunu saru bidliet sinjifikanti fi kwalunkwe parti jew partijiet tal-pubblikazzjoni f'relazzjoni ma' edizzjonijiet ta' qabel tal-pubblikazzjoni, jew jekk ikunu saru bidliet sinjifikanti fil-karatteristiċi fiżiċi jew diġitali tal-pubblikazzjoni fl-edizzjoni l-ġdida.

Dan japplika għal bidliet:

- fit-titlu u/jew fis-sottotitlu[5] tal-pubblikazzjoni
- fil-lingwa
- f'isem il-pubblikatur jew marka kummerċjali[6]
- f'isem l-awtur
- fil-kontenut tat-test għajr għal korrezzjonijiet żgħar għal żbalji
- fil-forma tal-prodott (eż., minn ktieb b'qoxra iebsa għal ktieb b'qoxra tal-karti; minn ktieb awdjo fuq mezz fiżiku għal ktieb awdjo disponibbli biex tniżżlu)
- fid-dettall dwar il-forma tal-prodott (eż., minn .pdf għal EPUB; bidla fl-għamla u d-daqs tal-ktieb)
- fil-karatteristiċi dwar il-forma tal-prodott (eż., minn tipa tat-test 'normali' għal tipa tat-test dislessika, minn EPUB verżjoni 2 għal EPUB verżjoni 3)[7]
- fir-restrizzjonijiet tal-użu (eż., minn stampar permess għal stampar mhux permess, minn utent wieħed għal diversi utenti)

Bidla fid-disinn tal-qoxra jew fil-kulur jew fil-prezz ta' pubblikazzjoni monografika ma teħtieġx ISBN separat, għalkemm ISBN separat jista' jinħareġ jekk ikun meħtieġ mill-katina tal-provvista (eż., prodott b'rabta ma' prodott tal-midja).

## 6.3 Stampar mill-ġdid ta' riproduzzjonijiet faksimile

Għandu jinħareġ ISBN separat għal riproduzzjoni faksimile stampata mill-ġdid meta ssir minn pubblikatur ieħor jew ippubblikata mill-ġdid taħt il-marka kummerċjali ta' pubblikatur differenti. Għandu jinħareġ ukoll ISBN separat jekk l-istess pubblikazzjoni hija ppubblikata taħt isem differenti ta' marka kummerċjali mill-istess pubblikatur. Jekk ktieb jiġi skennjat u diġitalizzat minn organizzazzjoni differenti mill-pubblikatur oriġinali (pereżempju minn librerija) għandu jinħarġilhom ukoll ISBN separat mill-produttur il-ġdid kemm-il darba dik il-verżjoni skennjata jew diġitalizzata ssir disponibbli għall-pubbliku u ma jkollhiex biss fini purament arkivjali.

## 6.4 Pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi u l-ekwivalenti diġitali

---

[5] Il-ħruġ ta' ISBN ġdid għal bidla fis-sottotitlu jiddependi fuq l-importanza tal-bidla. Pereżempju, iż-żieda ta' "A Kurt Wallander Mystery" bħala sottotitlu ma tkunx teħtieġ ISBN ġdid.

[6] F'xi pajjiżi, bidla fil-marka kummerċjali ma tkunx teħtieġ ISBN ġdid b'mod awtomatiku - iċċekkja mal-Aġenzija Nazzjonali tal-ISBN tiegħek.

[7] M'ijiex meħtieġa bidla fl-ISBN fil-każ ta' migrazzjoni ta' EPUB verżjoni 2 eżistenti għal EPUB verżjoni 3 jekk iż-żewġ verżjonijiet mhumiex disponibbli simultanjament u la l-bejjiegħa u lanqas il-klijenti m'għandhom bżonn ikunu jistgħu jiddistingwu bejn it-tnejn

Għandu jinħareġ ISBN separat għal pubblikazzjoni limitata b'paġni sfużi - jiġifieri, pubblikazzjoni b'paġni sfużi jew l-ekwivalenti diġitali tagħha li mhijiex intenzjonata li titkompla b'mod indefinit.

M'għandux jinħareġ ISBN separat kemm lil pubblikazzjoni b'paġni sfużi li qed tiġi aġġornata b'mod kontinwu (riżorsa integrata), jew lis-sezzjonijiet individwali aġġornati.

### 6.5 Pubblikazzjonijiet f'diversi volumi

Il-pubblikazzjonijiet jista' jkollhom aktar minn volum wieħed, u f'dawn il-każijiet għandu jinħareġ ISBN biex ikopri s-sett sħiħ. Fejn il-volumi individwali tas-sett huma disponibbli separatament, kull volum għandu jinħariġlu ISBN uniku biex jiġi identifikat. Il-folja verso tal-paġna tat-titlu (jew il-pożizzjoni ekwivalenti f'verżjoni mhux stampata) f'kull każ għandu juri l-ISBN b'mod ċar għas-sett kollu kemm hu kif ukoll l-ISBN għal dak il-volum partikolari.

Anki jekk il-pubblikazzjoni b'diversi volumi tkun disponibbli biss bħala sett sħiħ, il-ħruġ ta' ISBN separat għal kull volum individwali xorta waħda hu rrakomandat. Meta jsir hekk jiġu ffaċilitati l-istadji varji tal-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet, inkluż it-trattament tal-kunsinni meta l-volumi kollha ma jiġux ippubblikati jew imqassma simultanjament u l-provvista ta' sostituzzjonijiet fil-każ ta' kopji bil-ħsara.

### 6.6 Pakketti b'diversi oġġetti

Meta pakkett b'diversi oġġetti jikkonsisti minn aktar minn prodott wieħed li jikkwalifikaw għal ISBN, il-pakkett għandu jinħariġlu ISBN wieħed. Barra minn hekk, kull oġġett fil-pakkett li jikkwalifika għal ISBN, għandu jinħariġlu ISBN jekk huma disponibbli b'mod separat. Anke jekk l-oġġetti individwali fil-pakkett li jikkwalifikaw għal ISBN mhumiex disponibbli b'mod separat, jistgħu jinħarġulhom ISBNs separati jekk meħtieġ mill-katina tal-provvista.

Meta prodott wieħed li jikkwalifika huwa akkompanjat minn oġġett sekondarju li ma jkunx jikkwalifika għal ISBN, mela għandu jintuża ISBN wieħed li jidentifika l-pakkett, u ISBN ieħor li jidentifika l-prodott li jikkwalifika jekk huwa disponibbli b'mod separat. Madanakollu, minħabba li hu barra l-ambitu tal-ISBN, m'għandux jintuża ISBN sabiex jidentifika l-element sekondarju anke jekk dan huwa disponibbli b'mod separat ukoll.

F'pakkett li jikkonsisti minn prodott ta' softwer edukattiv u l-manwali tekniċi u tal-utent li jakkumpanjawh, ISBN wieħed jista' jkopri l-oġġetti kollha jekk il-manwali huma meħtieġa sabiex jitħaddem is-softwer u huma siewja biss bħala akkumpanjament mas-softwer. Jekk dawn il-manwali jsiru disponibbli b'mod separat, dawn għandhom jinħarġulhom ISBNs separati.

Meta l-element ewlieni ta' prodott b'diversi oġġetti la huwa ktieb u lanqas softwer edukattiv li jikkwalifika bħala dan, anke jekk hemm ktejjeb inkluż bħala element li jakkumpanja (eż., ktejjeb ta' istruzzjoni), mela l-pakkett b'mod sħiħ ma jikkwalifikax għal ISBN.

## 7. Kwistjonijiet ta' ħruġ ta' ISBN

### 7.1 Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti

Meta pubblikatur jingħaqad mal-iskema tal-ISBN wara li diġà beda jippubblika, huwa meħtieġ li joħroġ ISBNs għal kull pubblikazzjoni preċedenti u jippubblika l-ISBNs fi kwalunkwe katalgu li l-pubblikatur jipproduċi, kemm jekk il-katalgi huma stampati jew f'format diġitali. L-ISBN għandu jidher ukoll fl-ewwel pubblikazzjoni stampata mill-ġdid disponibbli jew ħarġa mill-ġdid ta' pubblikazzjoni preċedenti.

### 7.2 Pubblikazzjonijiet kollaborattivi

Pubblikazzjoni li toħroġ bħala koedizzjoni ma' pubblikaturi oħrajn ġeneralment jinħarġilha ISBN mill-pubblikatur(i) responsabbli mid-distribuzzjoni. Madankollu, il-kopubblikaturi jistgħu jallokaw l-ISBN tagħhom u juru kull wieħed minnhom fuq il-paġna li tispeċifika d-drittijiet tal-awtur. F'każijiet bħal dawn, wieħed minn dawn l-ISBNs biss għandu jintwera bħala kodiċi bl-iżbarri fuq il-pubblikazzjoni.

### 7.3 Pubblikazzjonijiet mibjugħa jew imqassma mill-aġenti

(Il-punti b u d jgħoddu biss għall-pajjiżi li għadhom ma bdewx jieħdu sehem fis-sistema tal-ISBN.)

a. Bħala regola edizzjoni partikulari ppubblikata minn pubblikatur partikulari tingħata ISBN wieħed biss. Dan l-ISBN għandu jibqa' jinżamm irrispettivament minn fejn il-pubblikazzjoni titqassam jew tinbiegħ.
b. Pubblikazzjoni li tiġi importata minn distributur esklussiv jew aġent esklussiv minn żona li mhix fis-sistema tal-ISBN u li ma jkollha l-ebda ISBN tista' tingħata ISBN mid-distributur esklussiv.
c. Pubblikazzjonijiet importati minn distributur esklussiv jew aġent esklussiv li magħha ġiet miżjuda paġna tat-titlu ġdida, li jkollha l-marka kummerċjali tad-distributur esklussiv minflok il-paġna tat-titlu tal-pubblikatur oriġinali, għandhom jingħataw ISBN ġdid mid-distributur esklussiv jew mill-aġent esklussiv. L-ISBN tal-pubblikatur oriġinali għandu jingħata wkoll.
d. Pubblikazzjoni li tiġi importata minn diversi distributuri minn żona li mhix fis-sistema tal-ISBN u li ma jkollha l-ebda ISBN tista' tingħata ISBN mill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN responsabbli għal dawk id-distributuri.

### 7.4 Akkwiżizzjoni ta' dar ta' pubblikazzjoni minn oħra

Pubblikatur li jakkwista dar ta' pubblikazzjoni oħra jista' jibqa' juża l-ISBNs li jkunu baqgħu mhux allokati mil-lista oriġinali. L-aġenzija nazzjonali tal-ISBN responsabbli minn dak l-element tar-reġistrant għandha tkun mgħarrfa bil-bidla fis-sjieda tal-proprjetà. Jekk il-kotba jkomplu jiġu ppubblikati taħt l-ismijiet taż-żewġ pubblikaturi, allura dawn jista' jkollhom elementi separati ta' reġistrant jew jaqsmu l-istess wieħed skont il-prattika tas-suq.

### 7.5 Akkwist tal-istokk kollu u tad-drittijiet tal-pubblikazzjoni

Pubblikatur li jakkwista l-istokk kollu u d-drittijiet tal-pubblikazzjoni(jiet) jista' jkompli juża l-ISBN illi jkun diġà nħareġ qabel sakemm il-kumpanija terġa' tistampa jew terġa' tippubblika l-pubblikazzjoni bl-ISBN tagħha stess.

### 7.6 Pubblikaturi b'diversi postijiet ta' pubblikazzjoni

Pubblikaturi li jaħdmu f'diversi nħawi u li jkunu elenkati flimkien bl-istess indirizz biblijografiku għandhom joħorġu ISBN wieħed biss għal kull pubblikazzjoni.

Pubblikatur li jaħdem b'uffiċċji jew fergħat separati jew distinti f'postijiet differenti jista' jkollu element tar-reġistrant għal kull uffiċċju jew fergħa. Madankollu, kull pubblikazzjoni tiegħu għandu jinħarġilha ISBN wieħed biss mill-uffiċċju jew mill-fergħa responsabbli mill-pubblikazzjoni.

### 7.7 L-ISBNs ma jistgħux jinħarġu mill-ġdid

Ladarba l-prefiss tar-reġistrant u l-blokka ta' numri assoċjata jkunu nħarġu lil pubblikatur mill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN, il-pubblikatur jista' jalloka l-ISBNs lill-

pubblikazzjonijiet li jkollu d-drittijiet għalihom. Madanakollu, wara li l-aġenzija tal-ISBN talloka l-ISBNs lil pubblikatur, dak il-pubblikatur ma jistax jerġa' jbigħ, jalloka mill-ġdid, jittrasferixxi jew jaqsam il-lista tal-ISBNs fost pubblikaturi oħrajn.

### 7.8 L-ISBNs qatt ma jistgħu jerġgħu jintużaw

Ladarba jiġi assenjat lil pubblikazzjoni monografika, ISBN qatt ma jista' jerġa' jintuża sabiex tiġi identifikata pubblikazzjoni monografika oħra, anki jekk jinstab li l-ISBN oriġinali ġie assenjat bi żball. Reġistrant li jiskopri li l-ISBN ġie assenjat bi żball għandu jħassar dan in-numru mil-lista ta' numri li jistgħu jintużaw. Ir-reġistrant għandu wkoll jirraporta l-ISBN żbaljat lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN. L-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN għandha tgħarraf kwalunkwe aġenzija bibljografija terza maħtura dwar l-iżball.

## 8. Ir-reġistru tal-ISBNs u l-metadata korrispondenti

Id-disponibbiltà tal-metadata deskrittiva hija essenzjali kemm għal bejgħ kif ukoll għal katalogar tal-kotba. Hemm evidenza li metadata aħjar tirriżulta f'aktar bejgħ. Il-pubblikaturi/reġistranti għandhom ir-responsabbiltà li jgħarrfu lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tagħhom jew lill-organizzazzjoni responsabbli mill-aġġornamenti tar-reġistrazzjoni tal-pubblikazzjoni dwar l-ISBNs li jkunu ser jinħarġu għall-pubblikazzjonijiet ġejjiena. L-informazzjoni għandha tal-inqas tinkludi xi elementi li ġejjin tal-metadata (deskrittivi) u għandha tkun kompatibbli mal-istandards ONIX għal Kotba dwar it-tagħrif tal-prodott miżmuma mill-grupp internazzjonali EDItEUR© u mill-organizzazzjonijiet assoċjati:

| **Element tad-data** | **Kummenti** | **Element(i) ONIX 3** | **Obbligatorju/i (Y/N)** |
|---|---|---|---|
| ISBN | Fil-format ISBN bi 13-il ċifra bla spazji jew sing | <ProductIdentifier> | Y |
| Għamla tal-prodott | Kodiċi li jindika l-mezz tal-pubblikazzjoni u/jew il-format tal-prodott<br><br>*Il-qisien fiżiċi jistgħu jvarjaw ukoll bejn żewġ prodotti fiżiċi bl-istess legatura u format.* | <ProductComposition><br><ProductForm><br><ProductFormDetail><br><ProductFormFeature><br><br><Measure><br><ProductPart> | Y<br>Y<br>N<br>N<br><br>N<br>N |
| Serje | It-titlu u n-numerazzjoni tas-sensiela fejn applikabbli | <Collection> kompost | <EpubUsageConstraint> |
| Titlu | It-titlu tal-pubblikazzjoni flimkien mas-sottotitlu jew elementi tat-titlu oħrajn fejn applikabbli. | <TitleDetail> kompost | Y |
| Kontributur | Il-kodiċi tar-rwol tal-kontributur u l-isem/ismijiet tal-kontributur(i) | <Contributor> kompost [L-identifikatur (ISNI) mhux obbligatorju] | <EpubUsageConstraint> |
| Edizzjoni | In-numru tal-edizzjoni **(għal edizzjonijiet li joħorġu wara l-ewwel waħda),** it-tip u d-dikjarazzjoni | <EditionTypeCode><br><EditionNumber><br><br><EditionStatement> | N<br>Y (after first edition)<br>N |
| Lingwa/lingwi tat-test | Jintużaw il-kodiċijiet lingwistiċi ISO 639-2/B | <Language> kompost | Y |
| Marka kummerċjali | Il-marka kummerċjali li l-pubblikazzjoni tiġi ppubblikata biha | <Imprint> kompost [L-identifikatur (ISNI) mhux obbligatorju] | Y |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pubblikatur | Il-persuna jew l-organizzazzjoni li jkollha s-sjieda tal-marka kummerċjali fid-data tal-pubblikazzjoni | <Publisher> kompost<br>[L-identifikatur (ISNI) mhux obbligatorju] | Y |
| Pajjiż tal-pubblikazzjoni | L-użu tal-kodiċijiet ISO 3166-1 tal-pajjiż | <CountryOfPublication> | Y |
| Data tal-pubblikazzjoni | Id-data tal-ewwel pubblikazzjoni taħt dan l-ISBN fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-ĠĠ). | <PublishingDate> kompost | Y |
| ISBN tal-pubblikazzjoni ewlenija | L-ISBN tal-pubblikazzjoni ewlenija li tiġbor fiha lil din il-pubblikazzjoni, meta applikabbli<br>*Użat meta ISBN huwa rreġistrat għal kapitlu jew parti jew bħala parti minn sett jew serje* | <RelatedProduct> kompost<br><RelatedWork> kompost | N<br>N |
| | *Għal prodotti diġitali, qed issir dispożizzjoni wkoll għall-possibbiltà li l-ISBN jista' jiġi assenjat minn intermedjarju downstream jekk il-pubblikatur ma jkunx għamel hekk* | <RecordSource… elementi | N |
| | *Jintuża meta jkun hemm ISBN irreġistrat għal kapitlu jew parti – ara paġna 6* | <ProductFormFeature><br><EpubTechnicalProtection><br><EpubUsageConstraint> | N<br>N<br>N |
| | *NB 'Epub' m'għandhiex x'taqsam, jew b'xi mod hi relatata, mal-format tal-fajl EPUB tal-IDPFs - 'Epub' f'dal-każ tfisser pubblikazzjoni online* | | |

Nota: F'xi każi r-rappreżentanza ONIX tas-sett tal-metadata tal-ISBN tuża kompożitu fejn mal-ewwel daqqa t'għajn ikun jidher li element tad-data wieħed ikun biżżejjed jew li din tkun użat valur ikkodifikat fejn kodiċi wieħed biss ikun validu. Dan il-metodu jiżgura li l-metadata tal-ISBN tkun tista' tiġi speċifikata f'messaġġ ONIX - ISBN Registration li jkun sottosett validu għall-ONIX għall-Kotba attwali (ONIX 3.0).

L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN tforni skema XML kull meta ssir talba għaliha mill-pubblikaturi.

Il-bażijiet tad-data li jikkollegaw l-ISBNs mal-metadata tagħhom (bħal listi ta' kotba li għadhom fl-istampa, bibljografiji nazzjonali, eċċ.) għandhom ikunu disponibbli u aġġornati. L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN illi ma jfornux servizzi ta' elenki bibljografiċi bħal dawn xorta waħda jibqgħu responsabbli li jaħdmu flimkien ma' fornituri li jipprovdu dawn is-servizzi sabiex jiżguraw l-aċċessibbiltà għal dawn is-servizzi. Il-klijenti jistgħu jintalbu miżata mill-aġenziji ta' reġistrazzjoni tal-ISBN u l-pubblikaturi ta' bażijiet tad-data biblijografiċi sabiex ikollhom aċċess għal din l-informazzjoni.

# 9. L-allokazzjoni tal-ISBN għal Pubblikazzjonijiet Diġitali u għal Softwer Edukattiv/Struzzjonali

## 9.1 L-ISBN għal pubblikazzjonijiet diġitali eliġibbli

Pubblikazzjoni li tkun disponibbli b'mod diġitali (eż. ktieb elettroniku, applikazzjoni tal-kotba elettroniċi, CD-ROM jew pubblikazzjoni fuq l-Internet) tkun eliġibbli għal ISBN kemm-il darba jkun fiha t-test u tkun disponibbli għall-pubbliku u sakemm il-pubblikatur ma jkollu l-ebda ħsieb li jippubblikaha bħala riżorsa kontinwa. Pubblikazzjonijiet bħal dawn jistgħu jinkludu wkoll stampi u fajls awdjo.

Dawn it-tipi ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi *m'għandux* jinħarġilhom ISBN:

- Pubblikazzjonijiet li jsirulhom aġġornamenti frekwenti li jippermettu aċċess immedjat għall-aġġornamenti, bħal bażijiet tad-data fuq l-Internet
- Siti elettroniċi
- Materjal promozzjonali u pubbliċitarju
- Tabelli tal-informazzjoni
- Emails u korrispondenza diġitali oħra
- Magni tat-tiftix
- Logħob
- Dokumenti personali (bħal CVs jew profili personali elettroniċi)
- Pjanifikaturi/djarji

## 9.2 L-ISBNs għal prodotti ta' software eliġibbli

Jista' jintuża ISBN biex jidentifika prodott ta' software speċifiku b'finijiet edukattivi u/jew istruttivi bħal prodott ta' taħriġ imħaddem bil-kompjuter, sakemm ma jkunux jistgħu jiġu ppersonalizzati u ma jkunux jeħtieġu data biex jaħdmu.

Il-prodotti tas-software kollha l-oħra (eż. logħob tal-kompjuter) m'għandux jingħatalhom ISBN.

## 9.3 Il-prinċipji tal-allokazzjoni tal-ISBN għal pubblikazzjonijiet diġitali

Sabiex kull parti involuta fil-katina tal-provvista tkun tista' tidentifika l-pubblikazzjonijiet, jenħtieġ li dawn jinħarġulhom ISBNs separati.

L-ISBN huwa identifikatur ta' pubblikazzjonijiet monografiċi (kotba) u prodotti relatati li jkunu disponibbli għall-pubbliku. L-ISBNs m'għandhomx jintużaw biex jidentifikaw fajls li jgħaddu minn id għal id bejn il-pubblikaturi u l-kompożituri tipografiċi jew servizzi li jikkonvertu l-kotba f'formats elettroniċi. M'għandhomx jintużaw lanqas biex jidentifikaw entitajiet astratti bħal xogħlijiet testwali (kontenut).

Importanti li ssir distinzjoni bejn il-każ ta' 'prodotti' differenti li jeħtieġu ISBNs differenti u l-każ fejn DRMs differenti jew restrizzjonijiet tal-użu differenti jiġu inklużi mal-prodott inkwistjoni matul it-tranżazzjoni bejn il-bejjiegħ u l-konsumatur. Din id-distinzjoni mhux dejjem tkun daqstant ovvja. Importanti wkoll li nżommu f'moħħna l-ħtieġa ta' ISBNs separati sabiex nevitaw l-ambigwità li tista' tirriżulta fil-katina kummerċjali f'każi ta' prodotti multipli u ta' partijiet multipli.

Jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu jafu a) jekk l-ktieb elettroniku li jkunu qed jixtru jkunx jaħdem fuq il-magna jew is-software tagħhom u b) x'jistgħu jagħmlu bih (eż., jikkopjawh, jistampawh, jisilfuh, sinteżi vokali, eċċ.). Is-soltu dan ikun stabbilit mill-format tal-fajl (eż., EPUB, .pdf) u mis-software magħruf bħala Digital Rights Management (DRM) li jikkontrolla, b'mezzi tekniċi, l-użu li jista' jsir mill-ktieb elettroniku. L-allokazzjoni ta' ISBNs separati tiffaċilita kemm il-ġestjoni, it-tqassim u t-tiftix ta' din l-informazzjoni u kemm il-provvista tal-verżjoni xierqa tal-ktieb elettroniku.

- Meta ktieb elettroniku speċfiku jkun disponibbli f'diversi formats bħal EPUB, .pdf eċċ, kull format li jkun ippubblikat u disponibbli b'mod separat għandu jingħata ISBN uniku. Jekk hemm migrazzjoni ta' pubblikazzjoni għal verżjoni ġdida ta' format tal-fajl (eż., EPUB2 għal EPUB3), hemm il-ħtieġa ta' ISBN separat jekk iż-żewġ verżjonijiet huma disponibbli fl-istess ħin jew jekk il-bejjiegħa u l-klijenti jeħtieġu jiddistingwu bejn iż-żewġ verżjonijiet.

- Meta jintużaw formats proprjetarji ta' fajls jew DRM li jorbtu verżjoni partikulari ma' pjattaforma, magna jew software speċifiku (sistemi ta' qari), għandu jintuża ISBN għal kull verżjoni. Madanakollu, meta pubblikazzjonijiet diġitali jiġu fornuti minn

bejjiegħ li jkun il-fornitur esklużiv ta' kotba elettroniċi f'format proprjetarju li jista' jinxtara biss mis-siti elettroniċi tiegħu (eż. Amazon Kindle, l-i-books tal-Apple), u dak il-bejjiegħ ma jkollux bżonn ISBNs, ma jkunx meħtieġ li jinħareġ ISBN għal dawk il-verżjonijiet. Madankollu, l-allokazzjoni ta' ISBN tista' tkun xorta utli biex jiġi ttraċċat il-bejgħ tal-prodotti f'bażijiet tad-data ta' kotba elettroniċi disponibbli miżmuma minn partijiet terzi. Kull ISBN li jinħareġ għal pubblikazzjonijiet bħal dawn għandu jkun uniku għal verżjoni inkwistjoni.

- Meta pubblikazzjoni tkun disponibbli fil-katina tal-provvista b'iżjed minn tip speċifiku wieħed ta' DRM, kemm jekk titpoġġa fis-suq mill-ewwel mill-pubblikatur oriġinali u kemm jekk titpoġġa fis-suq iżjed tard minn bejjiegħ, kull wieħed minn dawn il-prodotti uniċi għandu jkun identifikat b'ISBN uniku, dment li ma jkunx hemm intrużjoni mit-teknoloġija DRM fuq l-esperjenza tal-klijent jew li jkun hemm restrizzjonijiet tal-użu differenti.

- Meta pubblikazzjoni tkun disponibbli f'katina ta' provvista f'verżjonijiet b'*restrizzjonijiet tal-użu differenti*, kemm jekk offruti mill-pubblikatur oriġinali jew minn bejjiegħ aktar tard fil-katina, allura kull waħda minn dawn il-verżjonijiet huma prodotti uniċi li jeħtieġ li jiġu identifikati minn ISBNs uniċi.

- Meta l-limitazzjonijiet tal-użu huma definiti matul it-tranżazzjoni bejn il-bejjiegħ u l-klijent (pereżempju meta l-klijent huwa offrut servizz li jippermetti għażla wiesgħa ta' restrizzjonijiet tal-użu fuq talba), allura l-ebda ISBN m'għandu jiġi allokat lill-pubblikazzjoni adattata li qed tiġi ppubblikata.

  Eżempju 1: *Pubblikatur jipproduċi żewġ verżjonijiet EPUB tal-istess ktieb. Kull verżjoni jkollha restrizzjonijiet tal-użu differenti u titqassam fil-katina tal-provvista permezz ta' intermedjarji differenti. F'dan il-każ ikun jenħtieġ l-allokazzjoni ta' ISBN għal kull verżjoni speċifika tal-prodott.*

  Eżempju 2: *Pubblikatur jipproduċi fajl fil-format EPUB u jgħaddih lil bejjiegħ li japplikalu żewġ tipi differenti ta' restrizzjonijiet tal-użu għall-verżjoni EPUB u jpoġġi fis-suq dawn iż-żewġ verżjonijiet b'mod separat bħala żewġ prodotti distinti. F'dan il-każ ikun jenħtieġ l-allokazzjoni ta' ISBN għal kull verżjoni speċifika tal-prodott (l-ISBN jista' jinħareġ mill-pubblikatur jew mill-bejjiegħ jekk il-pubblikatur ma jkunx diġà għamel dan).*

  Eżempju 3: *Bejjiegħ joffri l-possibbiltà lill-pubbliku sabiex jixtri ktieb elettroniku u li jagħżel it-tip ta' DRM li għandu jiġi applikat. F'dan il-każ, ġaladarba ma jkun hemm l-ebda ambigwità fid-djalogu bejn il-bejjiegħ u x-xerrej, ma jkunx hemm il-ħtieġa li jiġu allokati ISBNs differenti.*

  Eżempju 4: *Pubblikatur joħroġ pubblikazzjoni — verżjoni waħda tkun disponibbli b'funzjonijiet ta' aċċessibbiltà bħas-sinteżi vokali flimkien ma' kull illustrazzjoni, u oħra mingħajr. Kull verżjoni għandu jkollha ISBN uniku sabiex il-karatteristiċi tekniċi jkunu ċari għax-xerrejja u għall-utenti potenzjali (speċjalment għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu pubblikazzjonijiet aċċessibbli) u biex iż-żewġ verżjonijiet ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod separat.*

  Eżempju 5: *Pubblikatur joffri sett limitat u predefinit ta' varjazzjonijiet ta' restrizzjonijiet tal-użu għal pubblikazzjonijiet partikolari fil-katina tal-provvista (eż., verżjoni waħda li tista' tiġi stampata u waħda li mhix, jew għażla ta' kiri ta' tliet jew sitt xhur). Kull waħda minn dawn il-varjazzjonijiet huma pubblikazzjonijiet separati u jeħtieġu ISBNs separati.*

  Eżempju 6: *Pubblikatur joffri firxa kbira ta' varjazzjonijiet (eż., fejn jistgħu jintgħażlu diversi parametri ta' restrizzjoni differenti minn menu estensiv jew sistema ta' għażla). Kull kombinazzjoni potenzjali m'għandhiex tingħata ISBN separat peress li*

*effettivament dawn huma pubblikazzjonijiet manifatturati speċifikament u magħmula f'ordni.*

- Jekk il-pubblikaturi jkunu qed jużaw is-servizzi ta' intermedjarji biex jiġġeneraw formats differenti tal-kotba elettroniċi tagħhom, għandhom joħorġu ISBNs separati għall-intermedjarji biex jiġu allokati għal kull format inkwistjoni.

  Jekk il-pubblikatur ma jipprovdix ISBNs lill-intermedjarji għal kull format separat, l-intermedjarji jkunu jistgħu jużaw l-ISBNs tagħhom stess. Għal din il-fini l-aġenziji tal-ISBN joħorġu l-elementi tar-reġistrazzjoni tal-ISBN għall-intermedjarji. F'dan il-każ l-ISBN u l-metadata relatata għandhom jintbagħtu lill-pubblikatur u lill-aġenzija nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u lil aġenziji biblijografiċi oħrajn.
  (N.B. Il-metodu deskritt f'dan il-paragrafu mhuwiex is-soluzzjoni rakkomandata u għandu jintuża biss f'każijiet fejn il-pubblikatur jirrifjuta li jalloka ISBNs individwali għal kull prodott).

- Meta ktieb jinqaleb għal forma diġitali minn librerija jew organizzazzjoni oħra u l-verżjoni diġitali tkun disponibbli għall-pubbliku, mela bħala prodott ġdid għandu jiġi identifikat minn ISBN separat, irrispettivament jekk hemmx ħlas involut sabiex ikun hemm aċċess għall-verżjoni diġitali.

## 10. L-ISBN għal Pubblikazzjonijiet Stampati Skont it-Talba

Għall-fini tal-allokar tal-ISBN, stampar skont it-talba huwa sempliċiment forma ta' teknoloġija tal-istampar.

Pubblikazzjoni skont it-talba tiġi stampata u llegata wara li ssir ordni speċifika mill-klijent. Dawn l-ordnijiet spiss ikunu għal kopji waħdiet ta' pubblikazzjonijiet li kieku jiġu ddikjarati "m'għadhomx jiġu stampati" ("out of print") peress li l-istampar normali ma jkunx ekonomiku.

Bħal kull tibdil ieħor tal-forma tal-prodott huwa meħtieġ ISBN ġdid jekk il-verżjoni ta' pubblikazzjoni fuq talba tkun f'forma ta' prodott differenti mill-verżjoni mhux mitluba ppubblikata preċedentement, (eż., meta ktieb b'qoxra iebsa jsir ktieb b'qoxra tal-karti meta jerġa' jibda jiġi stampat). Bidliet żgħar fid-daqsijiet tat-trim sabiex jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-magni tal-istampar fuq talba ma jeħtiġux ISBN ġdid.

Normalment ISBN huwa allokat għal pubblikazzjoni stampata skont it-talba meta l-pubblikazzjoni ssir disponibbli jew elenkata bħala disponibbli fuq talba, aktar milli meta tkun fil-fatt stampata.

Verżjoni "personalizzata" ta' ktieb stampat fuq talba, fejn il-klijent u mhux il-pubblikatur, jiddetta l-kontenut tal-ktieb, u li għandu disponibilità limitata, m'għandux jiġi allokat ISBN.

## 11. Pakketti tal-kors

Pakkett tal-kors huwa kumpilazzjoni fiżika jew diġitali ta' materjali differenti u jista' jinkludi siltiet minn kotba, artikli ta' rivisti, materjal magħmul mill-għalliema u, possibbilment, materjal multimedjali. Il-komponenti individwali għandhom jingħataw ISBNs biss jekk ikunu disponibbli separatament u jikkwalifikaw għall-ISBNs. Madankollu, jekk il-pakkett tal-kors isir aktar disponibbli b'mod wiesa' (eż., permezz tal-ħwienet tal-kotba tal-kulleġġi) mela dan għandu jiġi allokat ISBN.

# 12. Pubblikaturi żgħar u Awtopubblikaturi

L-awtopubblikazzjoni hija l-pubblikazzjoni ta' ktieb (diġitali jew stampat) mill-awtur stess mingħajr l-involviment ta' pubblikatur stabbilit. L-awtur jieħu r-riskju finanzjarju u huwa responsabbli għall-proċess kollu. L-awtur jista' jesternalizza l-proċess kollu jew parti minnu lil kumpaniji li joffru dawn is-servizzi.

Fil-każ ta' awtopubblikazzjoni, l-awtur huwa meqjus bħala r-reġistrant/pubblikatur u jista' jiġi allokat prefiss tar-reġistrant u firxa xierqa ta' ISBNs jew ISBN wieħed minn prefiss maqsum meta aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tkun irriżervat firxa ta' numri għall-allokar lil pubblikaturi żgħar u awtopubblikaturi.

L-Aġenziji tar-Reġistrazzjoni jistgħu jimponu limitu fuq in-numru ta' ISBNs minn prefiss komuni, li jista' jiġi allokat lil pubblikatur qabel dak il-pubblikatur ikun jeħtieġ il-prefiss u l-firxa ta' numri tiegħu stess.

Il-fornituri terzi ta' servizzi li għandhom x'aqsmu mal-awtopubblikazzjoni normalment m'għandux jiġi allokat lilhom element tar-reġistrant sakemm ma jkunux ukoll pubblikaturi.

L-awtopubblikaturi għandhom ikunu konxji li jekk fornitur terz ta' servizz joffri li jalloka waħda mill-firxa tal-ISBNs li jkollu, mela x'aktarx dak il-fornitur tas-servizz ikun elenkat bħala l-pubblikatur f'bażijiet tad-data relatati mal-ISBN.

L-ISBN mhuwiex mandatorju jekk pubblikazzjoni hija esklussiva għal pjattaforma waħda u mhux disponibbli fil-katina tal-provvista.  Madankollu, jekk il-pubblikazzjoni x'aktarx tkun disponibbli fil-katina tal-provvista (eż., permezz tal-bejjiegħa tal-kotba) allura għandha tiġi allokata ISBN.

L-ISBNs għandhom jinkisbu mill-aġenzija ta' reġistrazzjoni tal-ISBN xierqa responsabbli għall-pajjiż fejn huwa bbażat il-pubblikatur, irrispettivament mill-post ta' kwalunkwe pjattaforma jew servizz ta' awtopubblikazzjoni.

# 13. Fejn jiġi stampat u fejn għandu jidher l-ISBN

## 13.1 Ġenerali

L-ISBN għandu jidher fuq il-prodott stess.

Fil-każ tal-pubblikazzjonijiet stampati l-ISBN għandu jidher fuq:

- Il-folja tal-verso tal-paġna tat-titlu (il-paġna tad-drittijiet tal-awtur)
- Il-parti t'isfel tal-paġna tat-titlu, jekk m'hemmx spazju fuq il-verso tat-titlu
- Il-parti t'isfel tal-qoxra tan-naħa ta' wara fuq barra
- il-parti t'isfel tan-naħa ta' wara tal-kopertina, jew fuq kwalunkwe kaxxa għall-protezzjoni jew fuq il-materjal li jkunu mgeżwrin fih

Fil-każ tal-pubblikazzjonijiet diġitali, l-ISBN għandu jidher fuq:

- Il-paġna tat-titlu, l-ewwel messaġġ li jidher (CDs, pubblikazzjonijiet fuq l-Internet) jew fuq skrin li juri t-titlu jew l-ekwivalenti tiegħu (eż. l-iskrin inizjali li jidher tul l-ewwel aċċess għall-kontenut, u/jew fuq l-iskrin li juri d-dettalji tad-drittijiet tal-awtur)

Fil-każ ta' films, vidjows u folji trasparenti edukattivi/istruttivi l-ISBN għandu jidher fuq il-lista ta' kull min ħadem fil-prodott (credits).

Jekk il-pubblikazzjoni titpoġġa fis-suq f'kontenitur li jkun parti integrali minnha (eż. CD, tejp jew diskett) l-ISBN għandu jidher fuq waħda mit-tikketti inklużi mal-kontenitur. Jekk ma jkunx possibbli li l-ISBN jidher fuq il-kontenitur jew fuq it-tikketta, l-ISBN għandu jidher fil-

qiegħ tan-naħa ta' wara ta' kull materjal permanenti użat biex jippakkja l-kontenitur (eż. il-kaxxa, il-qoxra, il-frejm).

Il-formats differenti ta' pubblikazzjoni elettronika għandu jingħatalhom ISBN uniku kemm-il darba jitpoġġew fis-suq b'mod separat. Pubblikazzjoni li tkun disponibbli f'żewġ formats differenti, li madankollu jinbiegħu dejjem flimkien, jingħataw ISBN wieħed biss. Jekk il-formats ikunu disponibbli b'mod separat, l-ISBNs kollha għandhom jitniżżlu wieħed taħt l-ieħor fuq kull verżjoni u l-format imqassar għandu jissemma fil-parenteżi fl-aħħar tal-ISBN tiegħu. Fil-każ ta' edizzjonijiet stampati, jekk l-ISBN ta' formats differenti huma magħrufa allura dawk il-formats jistgħu wkoll ikunu elenkati b'dan il-mod.

Eżempji: ISBN 978-951-45-9693-3 (qoxra iebsa)
ISBN 978-951-45-9694-0 (qoxra tal-karti)
ISBN 978-951-45-9695-7 (PDF)
ISBN 978-951-45-9696-4 (EPUB)

L-ISBN għandu jidher ukoll fuq kull materjal uffiċjali li joħroġ flimkien mal-pubblikazzjoni.

L-ISBN għandu jkun stampat b'tipa kbira biżżejjed li tinqara faċilment (kobor ta' 9 jew ikbar).

## 13.2 L-ISBN miktub f'kodiċi bl-iżbarri

L-espansjoni globali fl-iskennjar tal-kodiċi bl-iżbarri ġab fi prominenza il-ftehim milħuq bejn il-GS1 (qabel magħruf bħala l-EAN International u l-Uniform Code Council) u l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN u l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISMN. Dan il-ftehim beda jippermetti li l-ISBN ikun ikkodifikat f'kodiċi ta' 13-il żbarra. B'hekk bħala identifikatur internazzjonali l-ISBN sar kompatibbli mal-iskema dinjija tal-kodifikazzjoni bl-iżbarri.

Ir-rappreżentanza tal-ISBN fis-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 għandu jsir skont l-istandard ISO/IEC 15420 (speċifikazzjoni simboloġika tal-kodiċi bl-iżbarri EAN/UPC) li teżiġi li l-użu tas-simboli EAN-13 ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-GS1. Il-kodiċi bl-iżbarri EAN jikkonsisti fi 13-il ċifra.

Eżempju ta' ISBN ikkodifikat bis-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 jidher hekk:

ISBN 978-92-95055-12-4

Meta jintuża f'kodiċi bl-iżbarri, l-ISBN għandu jidher f'forma li tinqara mill-bniedem sewwasew fuq is-simbolu tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 wara l-akronimu 'ISBN'.

Dan huwa eżempju ta' ISBN stampat bis-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13:

ISBN 978-92-95055-12-4

9 789295 055124

Iżjed tagħrif dwar l-introduzzjoni u l-użu tas-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAR-13 tista' tinkiseb mill-aġenziji tal-grupp tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN. L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN huma mħeġġa jikkoperaw bis-sħiħ u mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-GS1 fuq il-livelli nazzjonali u reġjonali.

Huwa rrakkomandat li s-simbolu tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 jidher fil-kantuniera leminija ta' qiegħ il-qoxra ta' wara tal-pubblikazzjoni, jiġifieri qrib l-ispina.

### 13.3 Il-kodiċi supplimentari b'ħames ċifri

Fl-Istati Uniti u fil-Kanada flimkien mal-kodiċi bl-iżbarri jintuża wkoll kodiċi supplimentari b'ħames ċifri li jindika l-prezz tal-pubblikazzjoni. Għal iżjed tagħrif dwar is-sistema tal-kodiċi bl-iżbarri użata fl-Istati Uniti u fil-Kanada żur is-sit elettroniku tal-Book Industry Study Group www.bisg.org.

Dan il-kodiċi supplimentari b'ħames ċifri m'għandu qatt jintuża biex jindika l-prezz f'pajjiżi oħrajn. Madankollu, jista' jintuża bil-prefiss '9' għall-użu intern tal-pubblikaturi (eż. Fl-immaniġġjar ta' kotba rritornati). Dawn il-kodiċijiet supplimentari għandhom dejjem jibdew bin-numru "9" fil-limiti tal-medda numerika '90000-98999'.

### L-algoritmu li jiġġenera ċ-Ċifra tal-Kontroll tal-ISBN

Għal iżjed tagħrif dwar il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll tal-ISBN ara t-Taqsima A1.1, Appendiċi.

## 14. L-amministrazzjoni tas-Sistema tal-ISBN

### 14.1 Ġenerali

L-amministrazzjoni tas-sistema tal-ISBN issir fuq tliet livelli: internazzjonali, l-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u r-reġistrant.

### 14.2 L-amministrazzjoni internazzjonali

Il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN huma dawn:

- Il-promozzjoni, il-kordinazzjoni u s-superviżjoni tal-użu tas-sistema tal-ISBN fuq livell dinji
- Ir-rappreżentanza tal-interessi tal-komunità tal-ISBN ma' organizzazzjonijiet relevanti oħrajn
- Il-ħatra ta' organizzazzjonijiet xierqa fir-rwol ta' aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u r-revoka tal-ħatriet meta jkun meħtieġ
- Id-definizzjoni tal-gruppi tar-reġistrazzjoni u l-oqsma tar-responsabbiltajiet tagħhom u l-allokazzjoni ta' aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN xierqa lil dawn il-gruppi
- It-tfassil tar-regoli għall-gruppi tar-reġistrazzjoni li jirregolaw it-tul tal-elementi tar-reġistrant disponibbli fi ħdan kull grupp, u li jiżguraw id-disponibbiltà pubblika l-ħin kollu ta' reġistru aġġornat, korrett u komplut ta' dawn ir-regoli
- L-allokazzjoni tal-elementi tar-reġistrant uniċi fi ħdan il-grupp xieraq ta' reġistrazzjoni lill-aġenziji tal-ISBN, u ż-żamma ta' reġistru komplut u preċiż tal-elementi tar-reġistrant li jkunu ġew allokati
- L-aġġornament tal-ISBNs u tal-metadata assoċjata magħhom permezz tar-reġistri tal-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN

- L-iżvilupp, is-sorveljanza u l-infurzar tal-politiki u tal-proċeduri li jirregolaw il-ħidma tal-aġenziji tal-ISBN u l-proċess tar-reġistrazzjoni tal-ISBN ta' dawn l-aġenziji, inkluż kwalunkwe tariffa assoċjata ma' dan il-proċess

- L-iffaċilitar tal-valutazzjoni u tar-riżoluzzjoni ta' każi ta' allokazzjoni doppja ta' ISBN partikulari

- Il-valutazzjoni u l-arbitraġġ ta' kwalunkwe appell relatat mad-deċiżjonijiet meħuda mill-aġenziji tar-reġistrazzjoni

- L-iżvilupp, iż-żamma u d-disponibbiltà pubblika tad-dokumentazzjoni relatata mal-użu tas-sistema tal-ISBN

- L-implimentazzjoni u ż-żamma fis-seħħ ta' arranġamenti ta' finanzjament meħtieġa li jappoġġaw il-ħidma tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN, inklużi, fost oħrajn, il-kontributi finanzjarji tal-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN.

## 14.3 L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN

L-amministrazzjoni tas-sistema tal-ISBN fi ħdan grupp tar-reġistrazzjoni partikulari hija r-responsabbiltà tal-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN. L-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tista' taħdem fuq livell nazzjonali, reġjonali u lingwistiku jew f'qasam ta' responsabbiltà raġonevoli ieħor, dejjem abbażi tal-grupp tal-allokazzjoni inkwistjoni.

Fi ħdan grupp wieħed jista' jkun hemm bosta aġenziji nazzjonali (eż. il-gruppi 978-0 u 978-1 għandhom aġenziji separati fl-Awstralja, fil-Kanada Anglofona, fir-Renju Unit, fl-Istati Uniti, eċċ.).

Jistgħu jiġu imposti ħlasijiet għall-allokar tal-ISBNs u l-forniment ta' servizzi minn aġenziji ta' reġistrazzjoni tal-ISBN maħtura. Spejjeż bħal dawn għandhom ikunu fuq bażi ta' rkupru tal-kostijiet.

Is-servizzi jistgħu jinkludu l-allokazzjoni ta' kodiċijiet u numri ta' identifikazzjoni, l-għoti ta' aċċess għal dawn il-kodiċijiet u n-numri, u/jew data jew informazzjoni oħra prodotta b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-ISO 2108. L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN jistgħu joffru servizzi oħrajn mhux relatati mal-allokar tal-ISBN kemm-il darba dawn ma jagħmlux kundizzjoni għall-utenti biex jixtru dawn is-servizzi addizzjonali sabiex jirċievu l-ISBN.

Il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-aġenziji nazzjonali tal-ISBN huma dawn:

- It-teħid ta' passi li jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi

- Il-ħruġ ta' avviżi dwar l-allokazzjoni ta' ISBN jew element tar-reġistrant tal-ISBN lir-reġistrant ta' dik il-pubblikazzjoni monografika jew isem il-pubblikatur

- Il-ħolqien, il-ġestjoni u ż-żamma ta' reġistri tal-ISBN, tal-metadata tal-ISBN u data amministrattiva skont il-politiki stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN. (Il-kompiti li jinvolvu l-metadata tal-ISBN jistgħu jiġu ddelegati lil aġenzija biblijografika maħtura dment li issir konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.)

- It-tiswija tal-ISBNs u tal-metadata tal-ISBNs skorretti f'każi fejn tingħata evidenza ta' dawn l-iżbalji

- Id-disponibbiltà tal-ISBN u metadata assoċjata għal aġenziji ta' reġistrazzjoni ta' ISBN oħrajn u għall-utenti tas-sistema tal-ISBN f'konformità mal-politiki stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN

- Il-ġabra u ż-żamma tad-data ta' statistika dwar il-ħidma relatata mal-ISBN tagħha u r-rappurtar ta' dawn fl-intervalli stipulati lill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN

- Il-promozzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-użu tas-sistema tal-ISBN f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-edizzjoni applikabbli tal-istandards u n-normi tal-ISBN li jkunu attwalment fis-seħħ

- Iż-żamma tal-konformità mal-politiki u mal-proċeduri tal-ISBN stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-edizzjoni applikabbli tal-istandards u n-normi tal-ISBN li jkun attwalment fis-seħħ

- Fil-każ ta' pubblikaturi li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fis-sistema tal-ISBN, l-aġenzija tal-grupp relevanti għandha tikkuntattja lill-pubblikaturi u tgħarrafhom bl-importanza u bil-valur tal-allokazzjoni tal-ISBNs għall-pubblikazzjonijiet kollha eliġibbli.

F'xi pajjiżi l-aġenzija tal-grupp talloka ISBNs lil pubblikazzjonijiet riċevuti għal depożitu legali li m'għandhomx ISBN allokati diġà. L-aġenzija tal-grupp imbagħad tinforma lill-pubblikatur dwar l-ISBN li ġie allokat u tippubbliċizzah fil-biblijografija nazzjonali.

## 14.4 L-amministrazzjoni tar-reġistrant/pubblikatur

Ir-reġistranti huma responsabbli għall-allokar ta' elementi ta' pubblikazzjoni għall-oġġetti individwali li jippubblikaw, u sabiex jiżguraw l-applikazzjoni ta' regolamenti pertinenti. Dawn jistgħu japplikaw għal u jirċievu element ta' reġistrant minn aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN flimkien ma' kopja stampata jew fajl diġitali tal-ISBNs individwali li huma disponibbli lilhom fi ħdan l-element tar-reġistrant allokat. Uħud mill-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN jistgħu jitolbu ħlas għal dawn is-servizzi.

L-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tiddetermina l-firxa tal-elementi tal-pubblikazzjoni li jkunu disponibbli għar-reġistrant. Il-firxa allokata se tkun iddeterminata abbażi tal-produzzjoni tal-pubblikazzjoni tal-ġejjieni attwali u antiċipat. Din il-firxa hija relatata direttament mat-tul tal-element tar-reġistrant allokat. Ir-reġistrant għandu jiżgura li l-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN ikollha kemm jista' jkun informazzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet kollha disponibbli preċedenti u għandha tagħti pariri lill-aġenzija tal-pubblikazzjonijiet preżenti u futuri kollha sabiex jiġi allokat element ta' reġistrant ta' daqs xieraq. Fil-bidu, aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tista' tassenja firxa iżgħar ta' numri minn dik mitluba jekk ikun hemm inċertezza dwar in-numru probabbli ta' pubblikazzjonijiet.

Ir-reġistrant għandu jipprovdi ammont speċifikat ta' metadata dwar il-pubblikazzjoni li għaliha hija assenjata l-ISBN lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN (jew l-aġenzija tal-biblijografija lokali maħtura). L-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw it-tip u l-format tal-metadata huma stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN f'koperazzjoni mal-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN (ara taqsima 8 hawn fuq).

Jekk intermedjarju qiegħed jassenja l-ISBNs tar-reġistranti jew l-ISBNs tiegħu stess, dawk l-ISBNs u l-metadata relatata għandhom jiġu rrappurtati lura lir-reġistrant u lill-Aġenzija tar-Reġistrazzjoni tal-ISBN u aġenziji bibljografiċi oħra.

Ir-reġistrant għandu jkun konformi mal-proċeduri tal-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN relevanti tiegħu. Jekk reġistrant/pubblikatur ma jkunx konformi mal-proċeduri tal-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN relevanti tiegħu (eż., jonqos milli jipprovdi metadata xierqa, ibigħ mill-ġdid jew jittrasferixxi l-ISBNs), dik l-aġenzija tista' tirrifjuta milli talloka aktar elementi ta' reġistrant u/jew ta' pubblikazzjoni sakemm ir-reġistrant ikun konformi.

Iżjed tagħrif u struzzjonijiet dettaljati rigward is-sistema tal-ISBN jistgħu jinkisbu mill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN relevanti.

# 15. L-ISBN u l-GS1

Fl-1997 intlaħaq ftehim bejn l-EAN International (EAN), il-Uniform Code Council (UCC), l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN u l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISMN, favur it-trawwim ta' koperazzjoni reċiproka f'dan il-qasam. Il-ftehim jagħti status ta' osservaturi lir-rappreżentanti rispettivi waqt l-assemblej ġenerali ta' xulxin, jissuġġerixxi konsultazzjonijiet u jirregola n-numerazzjoni ta' kotba mhux stampati. Fi Frar 2005 l-EAN International u l-Uniform Code Council inġabru flimkien bl-isem GS1.

Kuntatt:

GS1 Global Office
Blue Tower
Avenue Louise 326
B-1050 Brussels
Belgium
Tel: (+32 2) 788 7800
Fax: (+32 2) 788 7899
Email: contactus@gs1.org
URL: http://www.gs1.org

Il-lista tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-GS1: http://www.gs1.org/contact

# 16. L-ISBN u Identifikaturi Oħrajn

## 16.1 DOI

L-identifikatur tal-Oġġett Diġitali (DOI®) huwa sistema li tidentifika riżorsi numeriċi fl-ambjent diġitali. L-ismijiet tad-DOI® jingħataw lil kull entità biex tużahom f'netwerks diġitali. Jintużaw biex jagħtu informazzjoni kurrenti, inkluż fejn dawn (jew it-tagħrif dwarhom) jistgħu jinstabu fuq l-Internet. Maż-żmien l-informazzjoni dwar l-oġġetti diġitali tista' tinbidel, iżda d-DOI tal-oġġett numeriku jibqa' l-istess.

EDItEUR
United House
North Road
London N7 9DP
UK
Tel: +44 (0)20 7503 6418
Fax: +44 (0)20 7503 6418
Email: info@isbn-international.org
URL: http://www.doi.org/factsheets/ISBN-A.html

## 16.2 GTIN

Il-GTIN (Global Trade Item Number) huwa terminu ġeneriku għall-identifikaturi tal-prodotti EAN.UCC, inkluża r-rappreżentazzjoni EAN-13 tal-ISBN.

GS1 Global Office
Blue Tower
Avenue Louise 326
B-1050 Brussels
Belgium
Tel: (+32 2) 788 7800

Fax: (+32 2) 788 7899
Email: contactus@gs1.org
URL: http://www.gs1.org/barcodes/technical/idkeys/gtin

## 16.3 ISAN

In-Numru Internazzjonali Standard tal-Produzzjonijiet Awdjoviżivi (ISAN), ISO15706-1 u 15706-2, huwa sistema ta' numerazzjoni volontarja u skema ta' metadata li tippermetti l-identifikazzjoni ċara ta' kwalunkwe xogħol awdjoviżiv, inklużi films, filmati qosra, dokumentarji, programmi televiżivi, avvenimenti sportivi, reklamar u l-verżjonijiet assoċjati magħhom.

L-Awtorità Internazzjonali tar-Reġistrazzjoni tal-ISAN hija din:

ISAN International Agency
1A, rue du Beulet
CH-1203 Geneva
Switzerland
Tel: (+41) 22 545 10 00
Fax: (+41) 22 545 10 40
Email: info@isan.org
URL: http://www.isan.org

## 16.4 ISBN-A

L-ISBN Azzjonabbli (ISBN-A) huwa sintassi u servizz ipprovdut minn xi aġenziji ta' reġistrazzjoni tal-ISBN u mħaddma minn DOI®, fejn ISBN eżistenti huwa espress fis-Sistema DOI. Dan jipprovdi l-abbiltà li jgħaqqad ISBN ma' URL wieħed jew aktar.

Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN
48/49 Russell Square
London
WC1B 4JP
Tel: +44 (0)20 7580 8536
Email: info@isbn-international.org
URL: http://www.doi.org/factsheets/ISBN-A.html

## 16.5 ISLI

L-International standard link Identifier (ISLI), ISO 17316, jispeċifika identifikatur ta' rabtiet bejn entitajiet (jew l-ismijiet tagħhom) fil-qasam tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni. Dawn l-entitajiet jistgħu jkunu dokumenti, riżorsi tal-midja, nies, jew oġġetti aktar astratti bħal ħinijiet jew postijiet.

Jista' jkun hemm xi applikazzjonijiet bejn l-ISLI u l-ISBN li huma żviluppati fil-futur. Se jkun hemm aktar informazzjoni disponibbli fiż-żmien xieraq.

L-amministrazzjoni tal-ISLI ssir mill-International Information Content Industry Association (ICIA):

International ISLI Agency
International Information Content Industry Association
2/F, Hongkong Offshore Centre
No. 28 Austin Avenue
Tsim Sha Tsui
Kowloon
Hong Kong

Tel: (+852) 92091120
Email: service@isli-international.org
URL: http://www.isli-international.org

## 16.6 ISMN

In-Numru Internazzjonali Standard tal-Mużika (International Standard Music Number - ISMN) jidentifika l-pubblikazzjonijiet tal-partituri stampati kollha, kemm jekk disponibbli għall-bejgħ, jew għall-kiri, jew b'xejn.

L-ISMN ma jintużax għall-kotba dwar il-mużika, li jinħarġilhom ISBN. Ma jintużax lanqas għal tejps mużikali, CDs jew vidjows.

L-ISMN huwa amministrat mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISMN:

International ISMN Agency
Schlossstr. 50
12165 Berlin, Germany
Tel: (+49 30) 7974 5002
Fax: (+49 30) 7974 5254
Email: ismn@ismn-international.org
URL: http://ismn-international.org

## 16.7 ISNI

L-Identifikatur Internazzjonali tal-Isem Standard (International Standard Name Identifier - ISNI) huwa Standard ISO (ISO 27729) u l-iskop tiegħu huwa l-identifikazzjoni tal-Identitajiet Pubbliċi tal-partijiet: jiġifieri identitajiet użati pubblikament minn partijiet involuti fl-industriji tal-kontenut tal-midja fil-ktajjen tal-ħolqien, tal-produzzjoni, tal-ġestjoni u tad-distribuzzjoni tal-kontenut. http://ismn-international.org L-ISNI jipprovdi għodda biex titneħħa kwalunkwe inċertezza mill-Identitajiet Pubbliċi li jistgħu jiġu konfużi. L-ISNI mhuwiex maħsub biex jipprovdi aċċess dirett għal informazzjoni komprensiva dwar Identità Pubblika imma jista' jipprovdi links għal sistemi oħra fejn tinżamm din l-informazzjoni.

Tista' tikseb iżjed tagħrif minn hawn:

EDItEUR
United House
North Road
London N7 9DP
UK
Tel: +44 (0)20 7503 6418
Fax: +44 (0)20 7503 6418
Email: info@editeur.org
URL: http://www.isni.org

## 16.8 ISRC

Il-Kodiċi Internazzjonali Standard tar-Reġistrazzjonijiet (ISRC) huwa standard internazzjonali li jidentifika reġistrazzjonijiet mużikali u vidjows (ISO 3901). Dan jinnumera kull reġistrazzjoni (mhux l-oġġett fiżiku), ikun xi jkun il-kuntest jew il-mezz tal-produzzjoni tagħha. L-ISRC ikkodifikat jipprovdi l-mezzi li jidentifikaw ir-reġistrazzjonijiet b'mod awtomatiku u b'hekk jiffaċilita l-ħlasijiet tad-drittijiet tal-kompożitur.

Il-ġestjoni tas-sistema tal-ISRC issir mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Industrija Fonografika (IFPI):

International ISRC Agency
IFPI Secretariat
10 Piccadilly
London
W1J 0DD
United Kingdom
Tel: +44 (0)20 7878 7900
Fax: +44 (0)20 7878 7950
Email: isrc@ifpi.org
URL: http://www.ifpi.org/isrc

## 16.9 ISSN

L-ISSN (The International Standard Serial Number), li huwa rregolat mill-istandard ISO 3297, huwa l-istandard internazzjonali li jidentifika l-pubblikazzjonijiet li joħorġu f'sensiela (pubblikazzjonijiet li joħorġu minn żmien għal żmien bla ebda konklużjoni ddefinita). Pubblikazzjonijiet bħal dawn is-soltu joħorġu f'ħarġiet kumplimentari jew suċċessivi u ġeneralment f'ordni numerika u/jew kronoloġika. Eżempji tipiċi ta' dawn jinkludu gazzetti, perjodiċi, rivisti, eċċ. kif ukoll riżorsi kumplimentari kontinwi bħal pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi li jibqgħu jiġu aġġornati.

Il-ġestjoni tal-ISSN issir miċ-Ċentru Internazzjonali tal-ISSN:

ISSN International Centre
5 rue de Turbigo
75003 PARIS
FRANCE
Tel: (+33) 1 44 88 22 20
Fax: (+33) 1 40 26 32 43
Email: issnic@issn.org
URL: http://www.issn.org

Ċerti pubblikazzjonijiet, bħal kotba annwali, annwarji, sensiliet monografiċi, eċċ., għandu jinħarġilhom ISSN għat-titlu tas-sensiela (li jibqa' l-istess għall-partijiet jew għall-volumi individwali tas-sensiela kollha) u ISBN għal kull volum individwali. Jekk jiġu allokati ISBN u ISSN lil pubblikazzjoni partikulari dawn għandhom ikunu identifikati t-tnejn b'mod ċar.

## 16.10 ISTC

Il-Kodiċi Internazzjonali tat-Test Standard (ISTC), ISO 21047, hija sistema ta' numerazzjoni għall-identifikazzjoni unika ta' xogħlijiet ibbażati fuq test; it-terminu 'pubblikazzjoni' f'dan il-każ jirreferi għal kull kontenut li jidher f'kotba stampati b'mod konvenzjonali, ktieb awdjo, kotba elettroniċi statiċi jew kotba diġitali b'funzjonijiet supplimentari. Jirreferi wkoll għal kontenut li jista' jidher f'gazzetta jew f'ġurnal.

L-ISTC ma jiġix allokat lil prodotti fiżiċi jew lil manifestazzjonijiet oħrajn tax-xogħlijiet inkwistjoni. Prodotti fiżiċi bħal dawn (kotba stampati, awdjokotba jew verżjonijiet elettroniċi ta' dawn il-prodotti) għandu jinħarġilhom ISBN uniku.

Tista' tikseb iżjed tagħrif minn hawn:

Aġenzija Internazzjonali tal-ISTC
EDItEUR
United House
North Road
London N7 9DP

UK
Tel: +44 (0)20 7503 6418
Fax: +44 (0)20 7503 6418
Email: info@editeur.org
URL: www.istc-international.org

## 16.11 ISWC

Il-Kodiċi Internazzjonali Standard tax-Xogħlijiet Mużikali (ISWC) jidentifika xogħlijiet mużikali bħala kreazzjonijiet tanġibbli. Ma jintużax biex jidentifika manifestazzjonijiet jew oġġetti relatati ma' xogħlijiet mużikali. Manifestazzjonijiet u oġġetti bħal dawn huma soġġetti għal sistemi ta' identifikazzjoni separati bħall-ISRC u l-ISMN (ara d-deskrizzjonijiet ta' kull identifikatur f'partijiet oħra ta' dan il-kapitlu).

Eżempju: L-opra *Die Zauberflöte (Il-Flawt Maġiku)* ta' Mozart jista' jingħatalha ISWC biex jidentifikaha. Il-bosta partituri stampati jikkwalifikaw għal ISMNs, il-libretti u t-traduzzjonijiet tagħhom għal ISTCs (u ISBNs għall-pubblikazzjonijiet tagħhom); video ta' prestazzjoni jiġi allokat ISAN, u reġistrazzjoni awdjo tal-opra jiġi allokat ISRC.

Għal iżjed tagħrif ikkuntattja lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISWC:

CISAC
20-26 Boulevard du Parc
92200 Neuilly sur Seine
France
Tel.: (+ 33 1) 55 62 08 50
Fax: (+ 33 1) 55 62 08 60
Email: cisac@cisac.org
URL: http://www.cisac.org

## 16.12 SGTIN

In-Numru tal-Oġġett Kummerċjali Globali Serjalizzat (Serialized Global Trade Item Number - SGTIN) jespandi l-GTIN/ISBN (ara l-punt 16.2 hawn fuq) sabiex jinkludi numru tas-serje li jidentifika każ ta' oġġett kummerċjali b'mod uniku, bħal kopja speċifika ta' ktieb. Dan jintuża biex jinħoloq Kodiċi tal-Prodott Elettroniku (Electronic Product Code - EPC) li jista' jiġi kkodifikat fuq tikketti tal-ID tal-Frekwenza tar-Radju (Radio-Frequency ID - RFID) biex isir insegwiment ta' kull tip ta' oġġett, inkluż il-kotba, permezz tal-katina tal-provvista.

GS1 Global Office
Blue Tower
Avenue Louise 326
B-1050 Brussels
Belgium
Tel: (+32 2) 788 7800
Fax: (+32 2) 788 7899
Email: contactus@gs1.org
URL: http://www.gs1.org/sites/default/files/docs/epc/TDS_1_8_Standard_20140203.pdf

## 16.13 URN

L-Ismijiet Uniformi tat-Riżorsi (Uniform Resource Names - URNs) huma identifikaturi persistenti tar-riżorsi.

Is-sintassi tagħhom, definiti bl-istandard tal-Internet RFC 2141, huwa:

<URN>:= "URN:" <NID> ":" <NSS>

fejn <NID> huwa in-Namespace Identifier u <NSS> huwa in-Namespace Specific String.

L-"urn:" ewlieni u n-Namespace Identifier huma sensittivi għat-tipa.

In-NID "isbn" ġie riżervat għas-sistema ISBN: https://www.iana.org/assignments/urn-namespaces/urn-namespaces.xhtml#urn-namespaces-1.

Skont il-mudell, kwalunkwe URN ibbażat fuq l-ISBN għandu s-sintassi li ġejjin:

URN:ISBN:<NSS>

fejn in-Namespace Specific String fih l-ISBN bi jew mingħajr is-singijiet:

URN:ISBN:978-92-95055-12-4

# 17. ONIX għall-Kotba

L-ONIX għall-Kotba (ONline Information eXchange) huwa l-istandard internazzjonali użat fir-rappreżentazzjoni u l-komunikazzjoni elettronika tal-informazzjoni fuq il-prodotti tal-industrija tal-kotba.

L-ONIX għall-Kotba tfassal minn EDItEUR flimkien mal-Book Industry Study Group (l-Istati Uniti) u l-Book Industry Communication (ir-Renju Unit) u bħalissa qiegħed jintuża b'mod wiesa' mad-dinja kollha. L-iżvilupp kontinwu tal-ONIX isir min-netwerk ta' gruppi nazzjonali u kumitat ta' tmexxija internazzjonali kkordinat minn EDItEUR. L-aħħar verżjoni hija r-Release 3.0.

Għall-pubblikaturi, l-esperjenza wriet li l-ONIX għall-Kotba jġib żewġ benefiċċji kummerċjali importanti. Bħala format ta' komunikazzjoni dan jippermetti li tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-prodott fil-katina tal-provvista f'forma standard, lill-grossisti u lid-distributuri, lill-ħwienet il-kbar, lill-aggregaturi tad-data u lill-kumpaniji affiljati. Barra dan, permezz tat-tfassil ta' mudell għall-kontenut u għall-istruttura tar-reġistrazzjoni tal-prodott, l-ONIX ta kontribut validu lit-titjib ta' sistemi informatiċi li jistgħu jiġbru flimkien kull tip ta' metadata meħtieġa għad-deskrizzjoni u għall-promozzjoni ta' pubblikazzjonijiet ġodda u antiki. Il-pubblikaturi jistgħu jużaw l-istess data bażika biex joħorġu folji informattivi dwar pubblikazzjonijiet ġejjiena, katalgi u materjal promozzjonali ieħor.

L-ONIX għall-Kotba jippermetti wkoll li s-sħab downstream fil-katina tal-provvista jniżżlu malajr u b'modi iżjed effikaċi kull tagħrif aġġornat dwar il-prodotti fis-sistemi tal-ġestjoni tal-klijenti tagħhom b'inqas ħtieġa ta' interventi manwali u b'inqas riskju li jsiru xi żbalji.

Il-Library of Congress stabbiliet korrispondenza bejn l-ONIX u l-MARC21 u l-ONIX u l-British Library.  Diversi libreriji nazzjonali qegħdin jużawh biex jirċievu l-informazzjoni dwar il-prodotti mill-pubblikaturi għall-finijiet tal-Cataloging-in-Publication (CIP) jew biex isaħħu l-Online Public Access Catalogues (OPACs).

Tista' tintuża wkoll speċifikazzjoni għal sottosett tal-ONIX għall-Kotba. Din hija maħsuba b'mod speċifiku biex tittratta l-metadata meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-ISBN. Tista' tintuża mill-pubblikaturi biex jgħarrfu lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni bl-ISBNs li jkunu allokaw għall-prodotti tagħhom meta ma jkunx meħtieġ messaġġ tal-ONIX għall-Kotba sħiħ.

Iżjed tagħrif dwar l-ONIX jista' jinkiseb minn hawn:

EDItEUR
United House
North Road

London N7 9DP
UK
Tel/fax: +44 (0)20 7503 6418
Email: info@editeur.org
URL: http://www.editeur.org/8/ONIX/

# 18. Sit elettroniku tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN

Is-sit elettroniku tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN huwa http://www.isbn-international.org. Minbarra l-informazzjoni dwar l-ISBN u l-governanza tiegħu, is-sit fih dettalji ta' kuntatt u firxiet għall-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN nazzjonali u reġjonali kollha, għodod u riżorsi inkluż ħolqiet għar-Reġistru Globali tal-Pubblikaturi (ara hawn taħt) u l-Manwal tal-Utenti tal-ISBN f'diversi lingwi.

# 19. Reġistru Globali tal-Pubblikaturi

Sit elettroniku apposta fuq www.grp.isbn-international.org jippermetti lil kwalunkwe persuna jagħmel tfittxijiet sempliċi u jikseb informazzjoni bażika bħall-isem tal-pubblikatur u l-prefiss. Tfittxijiet aktar avvanzati, u informazzjoni ta' kuntatt aktar dettaljata tal-pubblikatur hija disponibbli għall-utenti li jagħżlu li jirreġistraw. Kulħadd jista' jirreġistra mingħajr ħlas permezz tas-sit. Id-data fir-Reġistru Globali tal-Pubblikaturi hija pprovduta direttament mill-aġenziji tar-reġistrazzjoni nazzjonali tal-ISBN u se tkun ikkumpilata u riveduta mill-inqas darba fis-sena.

L-utenti ma jistgħux jemendaw jew joħolqu xi data fuq ir-Reġistru Globali peress li huwa purament sit fejn id-data tinqara biss, imma jekk inti pubblikatur u tinduna bi kwalunkwe ineżattezzi dwar id-dettalji tiegħek stess, jekk jogħġbok ikkuntattja l-aġenzija tar-reġistrazzjoni nazzjonali tal-ISBN tiegħek sabiex tivverifika li għandhom l-aktar informazzjoni aġġornata.

Ir-Reġistru Globali huwa riżors bla ħlas u jinkludi:
- indirizzi u dettalji oħra ta' kuntatt għall-pubblikaturi f'aktar minn 200 pajjiż u territorju
- data dwar aktar minn miljun prefiss tal-ISBN
- eluf ta' pubblikaturi żgħar u awturi

# ANNESS 1: Il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll

## A1.1 Il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll

N.B. L-informazzjoni li ġejja prinċipalment tikkonċerna l-iżviluppaturi tas-sistema. L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-pubblikaturi u tal-ISBN m'għandhomx jikkalkulaw iċ-ċifri tal-kontroll tal-ISBN manwalment.

Kull waħda mit-12-il ċifra tal-ISBN tiġi mmultiplikata b'mod alternattiv b'1 jew bi 3. Iċ-ċifra ta' kontroll hija daqs 10, u wara tnaqqas il-bqija li tirriżulta mid-diviżjoni tas-somma tal-prodotti pponderati tal-ewwel 12-il ċifra b'10, b'eċċezzjoni waħda. Jekk dan il-kalkolu jirriżulta f'ċifra tal-kontroll ta' 10, iċ-ċifra tal-kontroll tkun 0.

Uża l-passi li ġejjin biex tikkalkula ċ-ċifra ta' kontroll għall-ISBN 978-92-95055-12-?

**Pass 1**: Ikkalkula t-total tal-prodotti pponderati għall-ewwel 12-il ċifra tal-ISBN (ara t-tabella t'hawn taħt).

| | **Element GS1** | | | **Reġistrazzjoni grupp element** | | **L-element tar-reġistrant** | | | | | **L-element tal-pubblikazzjoni** | | **Iċ-ċifra tal-kontroll** | **Somma** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **ISBN** | 9 | 7 | 8 | 9 | 2 | 9 | 5 | 0 | 5 | 5 | 1 | 2 | ? | |
| **Piż** | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | — | |
| **Prodott** | 9 | 21 | 8 | 27 | 2 | 27 | 5 | 0 | 5 | 15 | 1 | 6 | — | 126 |

**Pass 2**: Iddividi t-total tal-prodotti pponderati għall-ewwel 12-il ċifra tal-ISBN ikkalkulati f'Pass 1, u ddetermina l-bqija.

126 / 10 = 12 bqija = 6

**Pass 3**: Naqqas il-bqija kkalkulata f'pass 2 minn 10. Id-differenza li tirriżulta hija l-valur taċ-ċifra ta' kontroll b'eċċezzjoni waħda. Jekk il-bqija minn pass 2 huwa 0, iċ-ċifra ta' kontroll hija 0.

10 – 6 = 4

Ċifra tal-kontroll = 4

ISBN = 978-92-95055-12-4

Il-formula matematika li ġejja hija mod alternattiv kif tesprimi l-kalkolu taċ-ċifra ta' kontroll:

Ċifra ta' kontroll = mod 10 (10 – [mod 10 {total tal-prodotti pponderati għall-ewwel 12-il ċifra tal-ISBN}])

Ċifra ta' kontroll = mod 10 (10 – [mod 10 {126}])

Ċifra tal-kontroll = 4

Biex ISBN ikun validu, it-total tal-prodotti pponderati tal-ewwel 12-il ċifra magħdud maċ-ċifra tal-kontroll għandu jkun diviżibbli b'10 mingħajr ebda bqija.

Nota: It-tul tal-elementi tal-grupp tar-reġistrazzjoni tal-grupp, tar-reġistrant jew tal-pubblikazzjoni jista' jvarja u mhux dejjem ikun l-istess bħall-eżempju muri fit-tabella t'hawn fuq. Mhux il-kombinazzjonijiet tal-grupp tar-reġistrazzjoni u tar-reġistrant kollha huma validi.

Biex tingħata għajnuna fil-kalkolu tal-ISBNs tiegħek ikkuntattja lill-aġenzija lokali tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u itlobha tgħaddilek listi diġà kkalkulati tal-ISBNs jew softwer li jikkalkula l-ISBNs tiegħek.

Nota: Il-metodu ta' kalkolu għal ISBNs b'10 ċifri huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN https://www.isbn-international.org/.